**MALTA**

**DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI**
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 191**
**It-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2024**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 191**
**It-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 191**

**It-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2024**

## WERREJ


MINUTI ........ 470

KUNSENS GĦALL-ATTI ........ 470

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ........ 470

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 471

MERĦBA MILL-ISPEAKER ........ 475

TQEGĦID TA' KARTI ........ 476

MOZZJONIJIET
ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IWAQQAF L-AĠENZIJA DWAR IS-SUQ TAL-PROPRJETÀ U BIEX JIPPROVDI GĦAR-REGOLAMENTAZZJONI TAS-SUQ TAL-PROPRJETÀ (L-Ewwel Qari) ........ 478

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI (It-Tieni Qari)
CULTURAL HERITAGE (AMEMDMENT) BILL (Second Reading) ........ 478

AĠĠORNAMENT ........ 492

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 498

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 190, li saret fit-18 ta' Diċembru 2023, ġew ikkonfermati*

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Nagħtu merħba lill-Iskrivan tal-Kamra, Eleanor Scerri, li ġiet approvata fil-kariga b'mod unanimu mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra aktar kmieni dalgħodu.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens għal:

– **Att XLI tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar Gvern Lokali;

– **Att XLII tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

– **Att XLIII tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2);

– **Att XLIV tal-2023** – Att tal-2023 dwar l-Approprjazzjoni (2024); u

– **Att XLV tal-2023** – Att tal-2023 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2023).

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER:** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tweġiba għal mistoqsija parlamentari 30 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Darren Carabott dwar crowd barriers madwar il-Parlament; u

Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Joseph Muscat et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 71/2022 TA), deċiża fit-12 ta' Ottubru, 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata, datat 13 ta' Novembru, 2023.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

**L-ISPEAKER:** Qabel ma ngħaddi għall-mistoqsijiet parlamentari ninforma lill-Kamra li fil-laqgħa tal-lum tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li nżammet aktar kmieni, intlaħaq ftehim li t-terminu ta' avviż ta' mill-inqas tlett ijiem għall-mistoqsijiet parlamentari, allura qed nitkellmu fuq Ordnijiet Permanenti 22, li saru lill-Ministri li kellhom tibdil fid-dekasteru tagħhom, għandu jkun estiż għal darba biss u dawk il-mistoqsijiet li kellhom jitwieġbu fis-seduta ta' din il-ġimgħa jingħataw tweġiba fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024. Għalhekk issa ngħaddi għall-ewwel mistoqsija. L-Onor. Ivan Bartolo.

### UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – NEFQA FUQ RIGALI

**12051. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għall-Artijiet u għall-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali) (f'isem il-Prim Ministru):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab informat li m'hemm ebda fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

### MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – NEFQA FUQ RIGALI

**12053. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Ninsab informat li m'hemmx fond mill-baġit ministerjali li minnhom jinxtraw rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Jista' l-Ministru jgħid kemm il-Ministeru tiegħu jaraha importanti li jinvolvi lill-istudenti fl-iskejjel ta' pajjiżna? Naf li dan il-qasam huwa għal qalbu ħafna u nixtieq li jelabora ftit il-ħidma tal-Ministeru fl-iskejjel ta' pajjiżna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirringrazzja lill-Onor. Amanda Spiteri Grech ta' din il-mistoqsija għaliex tolqot il-qofol tal-ħidma fil-kultura u fil-kreattività. Ħalli nibda minn hawnhekk. Il-prinċipju ewlieni li jmexxi l-Ministeru tagħna huwa li aħna rridu nilqgħu għal dawk il-professjonisti li jagħżlu li jagħmlu karriera fis-settur kulturali u anke dawk li għalkemm se jkollhom xogħol ieħor, iħobbu jagħmlu l-espressjoni kulturali. Aħna rridu nilqgħu għal dawn iż-żewġ prijoritajiet. Però hemm ukoll prijorità importanti ħafna; li nħeġġu lit-tfal li jinnamraw u jiddakkru bil-kreattività. Dik hija xi ħaġa importanti ħafna, mhux biss għax aħna rridu ekosistema kulturali aktar b'saħħitha għada pitgħada imma anke għall-ġid tat-tfal infushom.

L-istudji kollha juru li dawk it-tfal li jiġu esposti għall-kreattività u għall-kultura meta jikbru jgawdu minn benefiċċji kbar ħafna, fosthom self-esteem għoli, ikunu critical thinkers, ikunu aktar kapaċi jargumentaw u jagħmlu ħidma aħjar meta jiġu biex isolvu problema. Dan huwa kollu x'jgħidu l-istudji xjentifiċi dwar il-ġid tal-kultura fuq it-tfal u fuq it-tfal tat-tfal tagħna. Għalhekk aħna, bħala Ministeru, bilfors nagħmlu ħidma fejn jidħlu t-tfal, però noqogħdu attenti li ma nirrepetux dak li jsir tant tajjeb fis-settur edukattiv. U fil-fatt nirrapporta li għandna relazzjoni tajba ħafna bejn iż-żewġ Ministeri u wkoll nikkollaboraw flimkien b'mod stupend.

Żewġ affarijiet li jien kburi ħafna bihom fil-ħidma fejn jidħlu t-tfal u t-tfal tat-tfal tagħna huma l-ewwel nett il-passaport li jagħti d-dritt lit-tfal u lit-tfal tat-tfal tagħna jidħlu b'xejn fis-siti kollha ta' Heritage Malta u jistgħu jidħlu wkoll żewġ adulti magħhom u t-tieni huwa l-festival Żigużajg, li huwa festival sabiħ immens u qed isir xogħol impressjonanti. Jien żort festivals tat-tfal barra minn pajjiżna u nista' ngħid li l-festival tagħna, mhux se ngħid li huwa aħjar jew agħar, imma żgur li jħabbatha tajjeb ħafna ma' festivals oħrajn għat-tfal internazzjonali. Jien verament kuntent bl-istandards għoljin li qed jintlaħqu bis-saħħa ta' dan il-festival. Żgur li aħna se nibqgħu

naħdmu biex it-tfal, meta jikbru, japprezzaw ħafna u ħafna aktar milli konna napprezzaw aħna ta' żmenijietna u tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna l-importanza li l-kultura u l-arti jkunu fil-qalba tal-moħħ u tal-emozzjoni tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, din is-sena rajna 'l fuq minn 50,000 persuna li daħlu l-Belt biex jiċċelebraw l-għeluq tas-sena u l-bidu tas-sena ġdida u rajna madwar 10,000 persuna li żaru l-Belt Valletta matul iż-żmenijiet tal-festi tal-Milied. Nixtieq nistaqsi lill-Ministru x'ifisser dan u kemm huwa importanti li lill-belt kapitali tagħna nkomplu nagħtuha l-ħajja u tkompli tospita attivitajiet bħal dawn sabiex f'dawn iż-żmenijiet ta' festi l-poplu Malti u Għawdxi jkun jista' jgawdi.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nirringrazzja lill-Onor. Davina Sammut Hili għal din il-mistoqsija għax hija mistoqsija importanti ħafna għaliex titfa' dawl fuq ir-rwol kruċjali li fil-fehma tagħna għandha l-Belt Valletta biex tippromwovi l-kultura ta' pajjiżna. Il-Belt Valletta mhijiex belt kwalunkwe, hija belt straordinarja, mhux biss għaliex twieldet bħala frott ta' avveniment storiku imma anke għaliex meta nbniet kienu ġabu l-aqwa inġiniera, l-aqwa artisti, l-aqwa disinjaturi u kienet il-belt li din il-parti tal-Ewropa kienet tħossha tassew kburija biha. Meta l-Belt Valletta, il-belt Barokka, narawha mimlija ħajja tiċċelebra l-aspetti sbieħ tagħha, fil-fehma tiegħi, inkunu qegħdin nirrealizzaw l-għan ewlieni għalfejn il-Belt Valletta kienet twieldet oriġinarjament. Żgur li ma kinitx imwielda biex tkun iċ-ċimiterju li kienet fi żmien meta sħabna tal-Partit Nazzjonalista kienu fil-gvern.

Aħna kburin li tajna din il-ħajja lill-Belt Valletta u llum qed tilqa' fiha aktar minn 50,000 persuna - immaġinaw ftit, 50,000 persuna! – u li bla ħlas jistgħu jaraw l-aqwa talent artistiku Malti u Għawdxi. Fosthom niċċelebraw it-talent lokali tagħna f'lejlet l-ewwel tas-sena. Irrid insemmi wkoll attività oħra importanti li saret fl-lejlet l-ewwel tas-sena fil-Kottonera. Irrid insemmiha għax forsi ħafna tkellmu dwar il-Belt u ma tantx smajt kliem dwar il-Kottonera. Jien mort ukoll, jiġifieri l-ewwel mort il-Kottonera u mbagħad mort il-Belt f'lejlet l-ewwel tas-sena u rajt b'għajnejja s-suċċess tal-attività li s-Sindki tal-Kottonera flimkien organizzaw u tellgħu f'lejlet l-ewwel tas-sena. Mela kien hemm dik l-attività sabiħa immens fil-Kottonera, kien hemm rekord ta' nies li marru l-Belt Valletta u allura dan juri li r-riċetta li qegħdin inħaddnu hija riċetta tajba u sabiħa.

Rigward in-numru ta' nies li żaru l-Belt Valletta fil-jiem l-oħrajn irrid ngħid li l-medja hija ta' bejn wieħed u ieħor 10,000 persuna. Irrid insemmi li kien hemm l-attrazzjonijiet in-naħa tal-Funtana tat-Tritoni, li kienu attrazzjonijiet li ħadu ħsiebhom il-ħaddiema tat-turiżmu, però mbagħad min-naħa tagħna fis-settur kulturali rajna li ntellgħu kunċerti sbieħ immens. It-Teatru Manoel tella' attivitajiet li laqtu l-gosti ta' kulħadd u rajna wkoll aspetti tradizzjonali, bħall-purċissjoni ta' Ġesu Bambin, id-dwal u l-innijiet indiġeni Maltin, li tant huma sbieħ u tant iżidu l-attrazzjonijiet. Mhux ta' b'xejn li tiftaħ *The Guardian*, *Bloomberg* u *Forbes* u kollha, unanimi fid-dikjarazzjoni li jagħmlu, li għall-aspett kulturali Malta hija waħda mill-aktar destinazzjonijiet importanti li wieħed għandu jfittex fis-sena li għadna kemm bdejna.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Alex Muscat, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, nixtieq nistaqsi lill-Ministru dwar proġett li fl-opinjoni tiegħi huwa ta' portata kbira, li huwa dak li l-Gvern jakkwista l-każini tal-baned li mhumiex proprjetà tal-istess soċjetà. Dan kien proġett li beda mil-Leġiżlatura li għaddiet imma l-Ministru kompla għaddej fuqu b'mod tajjeb ħafna. F'dawn l-aħħar ġranet rajt li anke kien hemm xi aġġornamenti f'dan is-sens. Jista' l-Ministru jinforma lil din il-Kamra l-proċess kif inhu prospettat li se jibqa' miexi dan il-proċess u fiex wasal s'issa? Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, l-ewwel nett irrid nirringrazzja lill-Onor. Muscat talli poġġa dan is-suġġett f'dan il-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari għaliex huwa suġġett importanti. Li s-soċjetajiet mużikali nibżgħu għalihom hija xi ħaġa importanti ħafna. Meta qed nitkellmu dwar li nsalvaw is-sede tas-soċjetajiet mużikali ta' pajjiżna, li huma l-qofol tal-irħula tagħna, jien naħseb li hija xi ħaġa kruċjali.

Jista' jkun hemm nies li jħobbu s-soċjetajiet mużikali u l-festi u jista' jkun hemm min ma jħobbx il-festi. Kulħadd għandu kull dritt għall-għażliet kulturali li jħobb jew ma jħobbx. Però naħseb li kulħadd jaqbel li hija ħaġa pożittiva u sabiħa li fiċ-ċentru tal-komunitajiet tagħna jkun hemm binjiet li jilqgħu fihom il-kultura. Jien nitlob lin-nies li forsi kienu ftit xettiċi mid-deċiżjoni li aħna ħadna biex nixtru s-soċjetajiet mużikali li kienu f'riskju jimmaġinaw ftit x'kien jiġri li kieku dawn il-proprjetajiet tħallew jinbiegħu. Kieku kienu jiġu żgombrati s-soċjetajiet mużikali konna naraw ħafna kummenti li hija ħasra li dik is-soċjetà spiċċat, li minflok binja ta' każin tal-banda llum hemm xi ħaġa kummerċjali probabbilment jew kienu jinbiegħu għal skop ta' qligħ. Jien nitlob biss lin-nies jagħlqu għajnejhom u jimmaġinaw kif kienu jkunu ċ-ċentri tal-pjazez li kieku minflok is-soċjetajiet mużikali hemm xi blokka bini residenzjali jew xi blokka kummerċjali minflok dar li tilqa' fiha l-kultura. Forsi dan l-eżerċizzju m'aħniex qed nagħmluh biżżejjed u naħseb li huwa tajjeb li min qiegħed jismagħna jagħmel dan l-eżerċizzju mentali.

Għall-grazzja t'Alla llum hemm Gvern li jemmen fis-soċjetajiet mużikali u daħal għalihom biex isalvahom litteralment fil-mument tal-prova. Mill-aħħar elezzjoni sal-lum irnexxielna nidħlu fi 11-il konvenju. Wieħed minnhom ma kienx eżattament konvenju, imma biex in-nies jifhmuni se nħalliha ftit sempliċi. Essenzjalment salvajna 11-il sede ta' soċjetajiet kummerċjali. Tnejn minnhom il-proċessi ġew konklużi definittivament. L-ewwel wieħed kien tal-Każin tal-Banda Stella Maris, fejn, kif diġà spjegajt, kien każ daqsxejn *sui generis*, imma ġie riżolt. Imbagħad kien hemm ix-xiri tas-Soċjetà Mużikali De Paule. Imbagħad, apparti dawk, kien hemm disa' konvenji oħrajn, li dħalna fihom b'investiment ta' €16-il miljun. Ftit ftit se nkunu qegħdin nixtru dawn il-proprjetajiet. Qabel dħalt hawnhekk għadni kemm ġejt informat li wasalna fl-aħħar biex nidħlu f'konvenju ieħor u allura jiġu 12-il proprjetà li fil-fatt se jkunu qed jiġu akkwistati mill-Gvern biex insalvaw is-soċjetajiet mużikali Maltin.

Dan kollu ma kienx isir kieku m'hemmx Kabinett sħiħ li jemmen fis-soċjetajiet mużikali Maltin. Nixtieq nirringrazzja lill-kollegi tal-Kabinett, lill-grupp Parlamentari kollu kemm hu, li kull fejn kellna bżonn nieħdu dawn it-tip ta' deċiżjonijiet favur il-kultura u favur is-soċjetajiet mużikali jien sibthom magħqudin favur li nieħdu dawn id-deċiżjonijiet.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Galea, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, nagħtik l-awguri għas-sena li għandna quddiemna. Nixtieq nistaqsi lill-Ministru jekk l-iskema li qed issir referenza għaliha hemmx ħsieb li tiġi estiża wkoll għal għaqdiet oħrajn, NGOs, bħal għaqdiet sportivi jew għaqdiet oħrajn li s'issa m'għandhomx il-bini li huwa proprjetà tagħhom.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nitlob lill-Onor. Galea tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Cressida Galea, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. CRESSIDA GALEA:** Sur President, l-ewwel nett nixtieq nibda billi nagħti l-awguri tiegħi għas-sena l-ġdida lilek u lill-kollegi kollha ta' din il-Kamra. Sena ġdida tfisser ukoll pjan ta' ħidma u programm ġdid. Nafu li ftit tax-xhur ilu kellna l-Baġit għal din is-sena li ġie approvat u allura bla dubju din is-sena jrid jiġi implimentat ukoll. Jista' l-Ministru jispjega ftit kif se jkun qed iwettaq dan il-pjan fis-settur li huwa inkarigat minnu? Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nirringrazzja lill-kollega tal-mistoqsija tagħha. Aħna kull deċiżjoni li nieħdu tkun frott ta' pjan. Naħseb li spiċċa ż-żmien li inti tkun qed tmexxi xi ħaġa, hi x'inhi, aħseb u ara ministeru, u ma jkollokx pjan li jkun short-term, medium-term u long-term. Li hu żgur hu li fejn jidħol il-Baġit għas-sena li qegħdin fiha, li bdiet proprju issa, aħna rridu nsaħħu l-ħidma tagħna u niffokaw, kif diġà spjegajna, fuq tliet punti.

L-ewwel nett irridu nsaħħu l-kwalità tal-qasam kulturali, tas-servizz li jiġi offrut u tal-esperjenza kulturali kollha kemm hi. Dan iġibni għall-argument dwar kemm dan ta aktar opportunitajiet lill-artisti u lill-kreattivi ta' pajjiżna, kif ukoll dwar it-tisħiħ ta' infrastruttura kulturali.

It-tieni, aħna rridu nġibu l-kultura aktar u aktar qrib in-nies. Jiġifieri aħna rridu li l-kultura tkun ta' kemm jista' jkun nies possibbli. Jien mort il-kunċerti ta' nofsinhar li għadna kemm tellajna fit-Teatru Manoel u ħadt pjaċir nara żewġ żgħażagħ ta' 16 u 17-il sena idoqqu l-pjanu b'mod inkredibbli, talent fantastiku, fis-Sala Isouard mimlija nies minn kull qasam tal-mixja tal-ħajja, anzjani, nies ta' mezzetà u anke żgħażagħ jieħdu gost jisimgħu mużika mill-isbaħ. Din hija xi ħaġa li rridu ninvestu fiha.

Fl-aħħar nett hemm l-internazzjonalizzazzjoni tal-qasam kulturali. U hawnhekk tidħol id-dimensjoni tal-identità nazzjonali. Aħna Maltin għax aħna nħaddnu, ngħixu, ngħumu fil-kultura li tagħmilna Maltin. Aħna rridu nibżgħu għal din il-kultura li ġejja minn legat straordinarju ta' ħafna ġenerazzjonijiet li investew fil-kultura u aħna pajjiż li jiftaħar bil-legat kulturali li għandna, però rridu wkoll inħarsu lejn il-futur u nxandru mad-dinja dak li aħna kapaċi noffru fis-settur kulturali. Għalhekk, pereżempju, se jsir il-Biennale ta' Malta għall-ewwel darba. Għalhekk qed nagħmlu dan ix-xogħol kollu fejn jidħol il-MICAS, għalhekk qed nagħmlu r-restawr tal-Palazz tal-President, li qabel kien il-Palazz tal-Gran Mastru; biex aħna nuru dak li jagħmilna Maltin.

Sur President, aħna qegħdin nagħmlu dan l-isforz biex l-aspetti kulturali tagħna jiġu mniżżla, jingħataw l-istatus bħala wirt intanġibbli jew tanġibbli min-naħa tal-UNESCO, jew billi jkollna aspetti intanġibbli ġodda jew inkella naraw li dawk l-aspetti tanġibbli li diġà daħlu snin ilu fl-elenku tal-UNESCO nagħmlu x-xogħol kollu dwarhom biex il-valorizzazzjoni tkompli tikber. Jien nemmen li s-sena 2023 kienet sena sabiħa ħafna għall-kultura. B'idi fuq qalbi ngħid li kemm ilni nservi naħseb li kienet l-aktar sena li tatni sodisfazzjon u m'għandix dubju li s-sena 2024 se tkun aħjar.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, għadna kif ħadna l-aħbar tajba li se jkun qed isir ir-restawr ta' Selmun Palace. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jinformana fuq dak ix-xogħol li se jkun qiegħed isir fuq il-Palazz, jekk hux dak fuq l-estern jew jekk hux ukoll fuq l-intern tiegħu. U jista', jekk il-Ministru jaf, jgħidilna x'qed isir mill-eks lukanda Selmun Palace; jekk hux se tkun qed titneħħa jew inkella hux se tibqa' hemmhekk? X'inhuma l-pjanijiet għal dan il-post, jiġifieri l-grounds li jagħmlu ma' dan il-Palazz?

Fl-istess ħin nixtieq nawgura lil kulħadd, fosthom lil dawk kollha li qed isegwuna, is-sena t-tajba.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nagħti wkoll l-awguri sbieħ tas-sena t-tajba lill-Onor. Castillo u lill-kollegi kollha f'din il-Kamra. Kif diġà kelli l-opportunità nispjega f'dan il-Parlament, oġġett ta' valur kulturali, għalkemm għandu valur patrimonjali kbir, bħalma huwa, pereżempju, il-Palazz ta' Selmun, ma jfissirx li awtomatikament ikun fil-pussess tal-Ministeru li nieħu ħsieb jien. Jiġifieri jekk aħna se nġibu eżempju li jifhmu kulħadd, il-Berġa ta' Kastilja, għalkemm għandha valur patrimonjali straordinarju mhijiex fil-pussess tal-Ministeru li nieħu ħsieb jien imma hija fil-pussess tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Bl-istess mod, jekk nieħdu dan il-Parlament, din il-binja li għandha valur kulturali importanti ħafna, mhijiex fil-pussess tal-Ministeru li nieħu ħsieb jien imma hija fil-pussess tal-Uffiċċju tal-Ispeaker.

Dawn hemm eżempji kemm trid minnhom. Il-Palazz ta' Selmun, għalkemm bla dubju ta' xejn għandu aspetti patrimonjali sbieħ immens u huwa ta' valur storiku, huwa fil-pussess tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol. U nieħu gost nara lill-kollegi mid-diversi Ministeri jaraw li dawk l-assi ta' valur storiku kbir, dawn il-proprjetajiet kulturali, jieħdu inizjattivi biex jieħdu ħsiebhom. Hemm ħafna eżempji bħal dawn. Semmejt ftit imma naħseb li kull Ministeru għandu elenku ta' assi patrimonjali li qegħdin fil-pussess tiegħu.

Dan mhux biss fejn jidħlu Ministeri imma hawn entitajiet privati, hawn kunsilli lokali, hawn persuni individwali u hawn familji li għandhom assi patrimonjali sbieħ. Jien qed nieħu gost li qed nara dan ir-rinaxximent ta' interess fejn jidħol il-patrimonju kulturali. M'għandix dubju li jekk l-Onor. Castillo jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol dwar il-Palazz ta' Selmun se jkun qed jagħtih l-informazzjoni li qed jitlob. Min-naħa tagħna aħna dejjem lesti li fejn jidħlu entitajiet governattivi nagħtu l-appoġġ tagħna, bħala għarfien, bħala kompetenza, bħala pariri li jkun hemm bżonn biex dawk l-assi li qegħdin f'Ministeri jew entitajiet oħrajn inkunu

nistgħu narawhom jiġu restawrati u mmexxija ’l quddiem.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, qed naraw diversi portals internazzjonali jirrapportaw dwar il-kultura f’Malta. Pereżempju, riċentement *The Guardian* qal li pajjiżna huwa wieħed minn għaxar destinazzjonijiet kulturali ta’ eċċellenza din is-sena, Jista’ l-Ministru jispjega kif jinkwadra dan kollu fil-ħidma tal-Ministeru tiegħu?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, l-ewwel nett irrid nifraħ lill-Onor. Cachia wara l-aħbar li nħatret Whip ta’ din in-naħa tal-Parlament. (Onor. Membri: Hear, hear) Jien kburi ħafna li l-Whip tan-naħa tagħna, apparti milli hija persuna żagħżugħa u żgur valida immens, hija wkoll mara. U għall-inqas kemm ilni fil-Parlament jien, ma niftakar qatt Whip mara. Jekk hawn min jifhem aktar fl-annali tal-istorja ta’ dan il-Parlament forsi jikkonferma li inti l-ewwel mara li nħtart f’din il-kariga. (Onor. Membri: Hear, hear) Żgur li inti l-ewwel mara li nħtart f’din il-kariga fl-aħħar ġenerazzjonijiet.

Għall-mistoqsija li għamlitli rrid ngħid li jien verament kuntent dwar dak li qal il-ġurnal internazzjonali *The Guardian*, u qablu miegħu anke *Forbes* u *Bloomberg*. Anke s-CNN tkellmu b’mod b’saħħtu ħafna dwar Malta bħala destinazzjoni kulturali ta’ eċċellenza. Tant hu hekk li dawn il-portals qed jgħidu lin-nies li jekk iridu jivvjaġġaw minħabba l-kultura, waħda mid-destinazzjonijiet li għandhom iżuru għandha tkun Malta.

Hawnhekk nixtieq nirreferi għal dibattitu li kien hemm is-sajf li għadda, fejn rajna anke eks prim ministri li ġejjin min-naħa tal-Partit Nazzjonalista li tkażaw u bdew jgħidu li f’Malta t-turisti qed inħajruhom biss biex jiġu jixorbu, jiżfnu fid-diskoteka u jixxalaw! Naturalment hawn turisti li jiġu Malta biex jieħdu gost, jieħdu drink, imorru jiżfnu u jixxalaw, bil-qalb kollha, però żgur li din il-valutazzjoni ma kinitx korretta, anzi kienet tant ħażina li qegħdin naraw lil *The Guardian*, *Bloomberg*, *Forbes* u s-CNN jgħidu lin-nies biex jiġu Malta għax hija verament destinazzjoni kulturali ta’ eċċellenza.

Sur President, naħseb li wasal iż-żmien li f’dan il-pajjiż inkunu kburin aktar bil-kultura ta’ pajjiżna għax huwa pajjiż li tant għandu legat kulturali b’saħħtu li hemm żewġ kotba li sawru l-mod kif l-Ewropa kompliet tikber. L-ewwel nett hemm il-Bibbja, fejn għandek referenza għal Malta, u anke d-diskorsi ta’ Ċiċerun, l-għaref avukat tal-Imperu Ruman, li jitkellem dwar Malta u kif il-Maltin marru għandu għax riedu jqabbduh bħala avukat kontra Gaius Verres għax kien qiegħed jimxi ħażin mal-Maltin. Ara Malta kemm għandha legat storiku b’saħħtu! X’ma niftaħarx b’dak kollu li għandha Malta!

Però ma rridux nistrieħu fuq dan imma rridu noħolqu ekosistema kbira, sabiħa u b’saħħitha ta’ kreattività. U għalhekk, kif diġà għedt, qed nagħmlu l-Biennale, għalhekk qegħdin nirrestawraw il-Palazz tal-President, għalhekk se nagħmlu l-MICAS, għalhekk irrestawrajna l-arazzi fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, għalhekk nidejna l-Mużew tal-Arkivji Nutarili u għalhekk qed nagħmlu dan ix-xogħol kollu, biex Malta tkompli tikber kulturalment u tkompli tkun kalamita biex in-nies li jħobbu l-kultura, li japprezzaw l-arti u l-kreattività jiġu Malta u jaraw dan il-ġid patrimonjali kbir li għandna u jkunu jistgħu jieħdu gost u jgawduh.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, ġaladarba huwa konfermat li l-Onor. Naomi Cachia nħatret bħala Whip, min-naħa tiegħi ukoll nawguralha f’isem l-Oppożizzjoni u nemmen li se nkunu qed naħdmu ħafna flimkien fl-interess tal-ogħla istituzzjoni ta’ dan il-pajjiż.

**L-ISPEAKER:** Is-Sedja tingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda.

## MERĦBA MILL-ISPEAKER

**L-ISPEAKER:** Qabel ma ngħaddu għat-Tqegħid ta’ Karti ninforma lill-Kamra li bħalissa hawn isegwi s-seduta mill-Gallerija tal-Pubbliku l-Membru Parlamentari Michele Muratori mir-Repubblika ta’ San Marino. *Benvenuto al Parlamento Maltese*.

Ngħaddu issa għat-Tqegħid ta’ Karti u nsejjaħ lill-Ministru Owen Bonnici.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nixtieq nieħu l-opportunità jien ukoll, jekk il-Kamra tippermettili, biex nirringrazzja lill-Onor. Andy Ellul li għamel xogħol tajjeb immens fil-kariga ta' Whip qabel il-ħatra tal-Onor. Naomi Cachia.

Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista ta' kotba u dokumenti li ġew restawrati minn entitajiet taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fis-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14150;

f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Rapport Annwali għas-sena 2022 tal-Kumitat tas-Sigurtà skont l-Artiklu 14(4) tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurtà, Kap. 391;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 303 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar il-Kondizzjonijiet tad-Dħul u tar-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin;
>
> Avviż Legali Nru 312 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija;
>
> Avviż Legali Nru 313 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem fil-Ħabs;
>
> Avviż Legali Nru 314 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet tal-Protezzjoni Ċivili;
>
> Avviż Legali Nru 315 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 311 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Qafas għall-Iskart tal-Kostruzzjoni u tad-Demolizzjoni; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 298 tal-2023 – Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga;
>
> Avviż Legali Nru 299 tal-2023 – Accountancy Profession (General Accounting Principles in respect of certain Eligible Entities related to the business of Insurance) Regulations, 2023;
>
> Avviż Legali Nru 300 tal-2023 – Recovery and Resolution (Amendment) Regulations, 2023;
>
> Avviż Legali Nru 301 tal-2023 – Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2023);
>
> Avviż Legali Nru 316 tal-2023 – Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 2);
>
> Kopja ta' Exemption Order nru IR 163/86/1 maħruġa fit-8 ta' Jannar 2024 lil numru ta' uffiċjali tal-LAFICO sekondati ma' kumpaniji li fihom LAFICO għandha l-ishma, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;
>
> Tabella li turi n-numru ta' konvenji għall-bejgħ/xiri ta' proprjetà li ġew iffirmati fis-snin 2021, 2022 u 2023, maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14241;
>
> Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema barranin li kienu qed jaħdmu f'Malta kull xahar minn Jannar sa Lulju 2023, maqsuma skont il-pajjiż, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14242;

Tabella li turi n-numru ta' kuntratti għall-bejgħ/xiri ta' proprjetà li ġew iffirmati fis-snin 2021, 2022 u 2023, maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14245.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Clifton Grima.

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 306 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti għad-Dħul;

Avviż Legali Nru 307 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Għoti tal-Gradi tal-Honoris Causa;

Avviż Legali Nru 308 tal-2023 – Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

Avviż Legali Nru 309 tal-2023 – Regolament tal-2023 biex jemenda r-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

Avviż Legali Nru 310 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Pre-Tertiary Certificate in Dental Surgery Assistance; u

Lista ta' tenders maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14248.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 302 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar Salarju jew Paga Mhux Sekwestrabbli; u

Avviż Legali Nru 305 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Chris Bonett.

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 304 tal-2021 – Avviż ta' bidu fis-seħħ li stabbilixxa l-1 ta' Jannar 2024 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2023 dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru (Att Nru XL tal-2023) (KAP. 641) għandhom jidħlu fis-seħħ.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet. Il-Ministru Jonathan Attard

## MOZZJONIJIET

## ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IWAQQAF L-AĠENZIJA DWAR IS-SUQ TAL-PROPRJETÀ U BIEX JIPPROVDI GĦAR-REGOLAMENTAZZJONI TAS-SUQ TAL-PROPRJETÀ

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex iwaqqaf l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà u biex jipprovdi għar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Proprjetà.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex iwaqqaf l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà u biex jipprovdi għar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Proprjetà" ikun moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

**L-ISPEAKER:** Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI

## CULTURAL HERITAGE (AMEMDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, dan huwa Abbozz ta' Liġi interessanti ħafna li qed jixhed fil-verità l-avvanzi li qed jagħmel pajjiżna fl-isfera internazzjonali. Dan huwa Abbozz ta' Liġi pjuttost qasir, m'hemmx ħafna klawsoli, però se jagħmel differenza fil-ħajja ta' ħafna nies li jgħixu f'pajjiżna jew inkella dawk in-nies li beħsiebhom jiġu jgħixu f'pajjiżna u jqattgħu ħajjithom magħna, aktar iva milli le, għal perjodu ta' snin.

Dawn ikunu nies li normalment ikollhom imħabba partikolari lejn il-kultura u l-arti. Fil-fatt, jien personali u anke persuni mill-entitajiet li jien responsabbli minnhom fl-aħħar xhur u snin kellna numru ta' laqgħat ma' persuni li jew iridu jgħixu Malta b'mod temporanju jew diġà jgħixu fostna l-Maltin. Dawn huma nies li normalment ikunu high net worth, ikunu jħobbu l-kultura, ikunu kollezzjonisti tal-arti u tal-pittura u l-passjoni kbira tagħhom hija li jixtru u jikkollezzjonaw oġġetti tal-arti. U dawn kulma jkunu jridu huwa l-konfort li jekk iġibu l-pittura tagħhom Malta u mbagħad wara xi żmien jiddeċiedu li joħorġu mill-pajjiż ma jkollhomx xi diffikultajiet mal-awtoritajiet meta jiġu biex jieħdu l-pittura li hija tagħhom.

Se nagħti eżempju, Sur President. Mela għandek persuna li se tiftaħ kumpanija Malta, se timpjega n-nies u se toħloq ix-xogħol u l-karrieri, u din il-persuna nzertat li hija kollettur tal-pittura u tal-

arti u tixtieq tiġi toqgħod Malta għal pereżempju, ħames snin jew għaxar snin - jalla tgħix aktar f'pajjiżna ħalli tkompli toħloq il-ġid u x-xogħol - u din kulma tkun trid hija l-possibbiltà li l-pittura li għandha fid-dar tagħha, pereżempju, il-Ġermanja, l-Awstrija jew l-Isvizzera, tkun tista' ġġibha Malta biex tgawdiha fid-dar li jkollha Malta bid-dritt li jekk xi darba tkun se tmur lura pajjiżha tkun tista' tieħu din il-pittura lura f'pajjiżha. Din tidher sempliċi ħafna, però fil-verità meta l-esperti legali jagħtu pariri lil dawn in-nies kollha jgħidulhom, sfortunatament - u jien rajt anke pariri li jingħataw - li l-liġi ta' Malta hija drakonjana ħafna u ma jistgħux jagħtuhom il-konfort li jekk iġibu l-pittura li kienu xtraw huma f'pajjiżhom u jiġu biex joħorġu minn Malta għada pitgħada, se jmorru lura bil-pittura tagħhom mingħajr diffikultà.

Naħseb li din hija sitwazzjoni li ridna nsolvu għaliex naf li hawn diversi nies li jħobbu l-arti, il-kolletturi tal-arti, li jew jixtiequ jirtiraw Malta jew jixtiequ jiġu Malta u jiftħu negozju biex joħolqu l-ġid f'Malta jew inkella jixtiequ jiġu Malta għaliex jaraw f'Malta post fejn jistgħu jgawdu l-ħajja mal-għeżież tagħhom. Normalment dawn ikunu nies benestanti li jinvestu fl-arti. Imma mhux biss, għaliex naturalment l-imħabba u l-ġibda għall-arti tista' taffettwa lil dawn persuni minn kull aspett. Imma dawn ikunu mħassbin ħafna dwar jekk jitħallewx imorru lura pajjiżhom bl-arti magħhom. Ikunu mħassbin ukoll - u ħadt nota għax kellmuni diversi persuni – dwar meta jiġu neqsin. Mela nimmaġinaw li għandek xi ħadd Ingliż kollettur tal-arti u dan iħobb lil Turner u jġib pittura ta' Turner miegħu hawn Malta biex jgħix f'Malta għall-kumplament ta' ħajtu. Dan huwa inkwetat li jekk jiġi nieqes u t-tfal tiegħu, li baqgħu l-Ingilterra, ikunu jridu din il-pittura ta' Turner lura, ma jkunux jistgħu jeħduha lura. Fil-fatt se nkun ftit aktar tekniku u forsi nispjega aħjar milli għamilt s'issa.

L-artikolu 54 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali kif inhu llum jittratta l-kontroll fuq moviment meta dan ikun bejn stati tal-Unjoni Ewropea bħal, pereżempju, l-Italja u Malta. Dak ngħidulu moviment. Meta jkunu pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea, bħall-Ingilterra, il-Brażil jew il-Messiku – u ltqajt ma' każijiet simili - hemm imbagħad inkunu qegħdin nitkellmu fuq esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid ta' oġġetti ta' valur ta' patrimonju kulturali. F'dak il-każ, meta jkun hemm moviment jew esportazzjoni, ikun hemm bżonn permess tas-Sovrintendenza. Se ngħid kif taħdem is-sistema. Is-Sovrintendenza timxi id f'id mad-Dipartiment tad-Dwana fil-proċess ta' esportazzjoni ta' oġġetti ta' valur ta' patrimonju kulturali u tispezzjona dawn l-oġġetti meta jidħlu jew joħorġu mill-pajjiż meta tkun mitluba mid-Dwana.

Minħabba li bejn il-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea hemm moviment ħieles, għalkemm il-liġi tkopri dan it-tip ta' moviment, is-Sovrintendenza rarament tiġi mitluba tispezzjona. Skont l-artikolu 55, f'każijiet ta' esportazzjoni ta' oġġetti ta' valur patrimonjali kulturali għoli jew fejn hemm theddida fuq l-istat tal-oġġett jew biex tiggarantixxi aċċess fuq l-oġġett, is-Sovrintendenza għandha saħħa legali li teżerċita d-dritt ta' preferenza sabiex l-oġġett ma jinħariġx mill-pajjiż u jinxtara mill-Istat sabiex dan igawdi post fil-kollezzjoni nazzjonali.

Mela nimmaġinaw koppja Belġjana, Svizzera jew Franċiża li jiġu hawn Malta biex iqattgħu l-aħħar snin ta' ħajjithom f'pajjiżna u jġibu pittura magħhom. Dawn jiġu neqsin u l-eredi tagħhom li baqgħu jgħixu barra mill-pajjiż jitolbu biex din il-pittura tmur lura f'pajjiżhom u mbagħad isibu li s-Sovrintendenza ma tħallihomx joħorġu din il-pittura, anzi tgħidilhom li se teżerċita d-dritt ta' preferenza u se tixtriha hi biex din titgawda fil-kollezzjoni nazzjonali.

Li wieħed ikollu l-intenzjoni li jsaħħaħ il-kollezzjoni nazzjonali hija xi ħaġa sabiħa, però rridu nifhmu wkoll li dawn it-tip ta' liġijiet qegħdin igerrxu ħafna barranin li għandhom il-kollezzjoni tagħhom f'pajjiżhom u jixtiequ jġibuha hawn Malta u qegħdin igerrxu wkoll barranin milli jiġu joqogħdu Malta. Għaliex meta tkun passjonat tal-arti, meta jkollok il-kollezzjoni tiegħek tal-arti, huwa diffiċli ħafna li tissepara lilek innifsek minn dik il-kollezzjoni li tant tkun għal qalbek. Min hu kollettur tal-arti jifhimni u jaf x'qed ngħid.

Biex inkunu għedna kollox, imbagħad hemm każijiet eċċezzjonali fejn il-permess jingħata għal żmien limitat jew inkella l-Istat, minn qabel, jirrinunzja għad-dritt ta' preferenza. Però dawn huma marbutin f'każijiet ta' importazzjoni jew moviment għall-finijiet ta' esibizzjoni bħal, pereżempju, inġibu mummja mill-Eġittu biex tiġi esibita fil-Belt. F'dak il-każ dik tista' terġa' tmur lura minn fejn ġiet. Eżempji oħrajn huma każijiet

ta' restawr, każijiet ta' donazzjoni jew xiri fuq bażi temporanja, għax fis-settur tal-arti hemm il-konċett ta' temporary acquisition.

Għaldaqstant illum ġejna hawnhekk quddiem il-Parlament biex nipprovaw noħolqu ftit bilanċ. Irridu nirrispettaw u naraw li l-kollezzjoni nazzjonali tkompli tiġi arrikkita, u jekk hemm xi oġġetti artistiċi li rridu nitkellmu dwarhom, nitkellmu naturalment, imma fl-istess waqt irridu noħolqu bilanċ mad-dritt ta' dik il-persuna li tiddeċiedi li tirrisjedi f'Malta, li toħloq ix-xogħol hawn Malta, li tinvesti fil-kumpaniji hawn Malta, li jekk għandha pittura f'pajjiżha tkun tista' ddaħħalha Malta u toħroġha lura mingħajr inkwiet għax l-Istat Malti jqum filgħodu u jgħidilha li mhux se jħalli dik il-pittura toħroġ.

Għaldaqstant qed ngħidu li għal oġġetti li jkunu deħlin fil-pajjiż minn persuni li jkunu se jieħdu residenza temporanja fil-pajjiż jinħareġ ċertifikat validu għal għaxar snin. Mela ċ-ċertifikat mhux għal dejjem ikun validu imma għal għaxar snin u jkun jista' jiġi mġedded fl-għeluq l-għaxar sena. Permezz ta' dan iċ-ċertifikat dawn l-oġġetti jkunu eżentati mid-dritt ta' preferenza u għaldaqstant jistgħu jerġgħu jinħarġu mill-pajjiż ladarba r-residenza tas-sid tispiċċa.

Mela b'dan iċ-ċertifikat x'qed nagħmlu aħna? Aħna stajna nagħmlu emenda u ngħidu li kull min għandu pittura jista' jiġi u jerġa' joħroġha kif jixtieq, imma m'għamilniex hekk. Aħna daħħalna dan l-obbligu tal-ħruġ taċ-ċertifikat biex, l-ewwel nett, ikollna kontroll fuq il-pittura li tkun dieħla u ħierġa mill-pajjiż; it-tieni, inkunu ċerti li nkunu nafu li dik il-pittura hija tiegħu; u t-tielet, meta wieħed japplika għal dan iċ-ċertifikat ikun irid juri l-provenjenza, minn fejn ġiet din il-pittura. Din hija importanti ħafna. Jiġifieri jekk wieħed mar ġo rkant u xtara din il-pittura, allura jrid juri prova li din il-pittura ġiet irkantata.

Fl-aħħar mill-aħħar jekk xi ħadd japplika fuq pittura li hija ta' interess pubbliku, is-Sovrintendenza se tkun qed titkellem ma' dan is-sid u mhi se tkun qed teżerċitalu xejn fil-konfront tiegħu għaliex il-pittura tkun għadha barra mill-pajjiż, imma mbagħad wieħed jibda negozjati dwar dik il-pittura li forsi għandha interess nazzjonali bħal, pereżempju, pittura li kienet tpittret Malta proprju f'sala ta' palazz u dik il-pittura tkun għadha nieqsa. Jekk kumbinazzjoni dan japplika fuq dik il-pittura, wieħed ikun jista' jitkellem miegħu bil-għan li jara jekk dik tistax tiġi akkwistata. Imma jekk jinħariġlu ċertifikat li jista' jidħol biha, imbagħad ikun jista' joħroġ biha wkoll.

Jien naħseb li dak huwa bilanċ tajjeb ħafna. Is-sidien huma responsabbli li jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji fir-rigward tal-provenjenza u spjega tal-oġġett. Iċ-ċertifikat li jinħareġ mis-Sovrintendenza jirrikjedi li dawn l-oġġetti jgħaddu minn dan it-tip ta' due diligence u, kif għedt diġà u se nerġa' nirrepeti biex ħadd ma jifhimni ħażin, oġġetti ta' valur nazzjonali għal Malta ma jkunux eliġibbli għal dan iċ-ċertifikat bħal, pereżempju, xi ħadd li għandu pittura jew oġġett li huwa ta' valur nazzjonali għal Malta, bħal xi pittura li tkun saret f'Malta u xi darba ngħatat lill-Gvern Malti imma għal xi raġuni din il-pittura ma baqgħetx fil-pussess tal-Gvern Malti. Meta Napuljun kien ġie Malta u keċċa lill-Kavallieri, il-Bambin biss jaf kemm tlifna pitturi u oġġetti patrimonjali.

Mela f'dawk il-każijiet ta' oġġetti li għandhom valur nazzjonali għal Malta, dak li jkun ma jkunx eliġibbli għal dan iċ-ċertifikat. F'każ li jkun hemm dubji jekk oġġett jistax jingħata dan it-tip ta' ċertifikat, is-sid se jkun mgħarraf, se ngħidulu li għandna informazzjoni li dik il-pittura kienet Malta imma kienet ittieħdet mill-Franċiżi meta Napuljun, qabel mar l-Eġittu, kien ġie Malta, u aħna m'aħniex se noħorġu dak iċ-ċertifikat, u li jekk jiġi biha aħna nkunu rridu li jkollna d-dritt li nixtruha aħna. Inkella s-Sovrintendenza tgħidlu li mhux se toħroġlu ċ-ċertifikat u tistaqsih iridx li jinnegozjaw biex dik il-pittura titgawda mill-poplu Malti. Imbagħad inħallu f'idejn il-ħiliet tan-nies li jmexxu din l-Entità.

Naħseb li din l-emenda qed toħloq bilanċ importanti ħafna għaliex jekk ma nagħmlu xejn, dawn il-pitturi jew se jitħallew id-dar, ma jiġux hawn Malta, jew inkella, agħar minn hekk, xi ħadd li jkun irid jinvesti f'Malta jaħsibha darbtejn biex jinvesti. Dan għaliex min hu kollettur tal-arti għandu għal qalbu ħafna l-kollezzjoni tiegħu. U n-nies li jħobbu l-arti jafu x'qed ngħid. Huwa diffiċli ħafna li tissepara l-kollettur mill-arti li jkun xtara u kkollezzjona wara ħafna snin. Forsi dak li jkun isibha diffiċli biex japprezza kemm hawn nies barranin jgħixu Malta li jixtiequ dan il-konfort.

Ħafna minnhom huma nies, fosthom Svizzeri, Franċiżi, Taljani kif ukoll nies mill-Amerika t'Isfel, li għandhom kumpaniji jew jaħdmu

f'istituzzjonijiet importanti ħafna f'dan il-pajjiż, jimpjegaw in-nies u joħolqu l-ġid ekonomiku f'pajjiżna. Dawn ilkoll huma nies li wrew ix-xewqa li jkollhom dan il-konfort, dan is-serħan il-moħħ. Jien nemmen li dan iċ-ċertifikat se jagħmel dan, però fl-istess waqt se jara li l-interess nazzjonali jiġi ssalvagwardat dejjem u qabel kollox.

Qabel nikkonkludi dan id-diskors tiegħi, Sur President, nixtieq nagħmel ftit ħsebijiet dwar is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għaliex din hija entità regolatorja, u l-entitajiet regolatorji jgħaddu mill-isfortuna li n-nies ma tantx ikollhom għarfien dwar ix-xogħol li jwettqu. Meta jkollok entità operattiva, meta jkollok entità li twettaq il-proġetti bħal, pereżempju, Heritage Malta, ovvjament in-nies ikunu jafu x'inhi għaliex imorru fil-mużewijiet jaraw ir-reklami u x-xogħol li twettaq, u jekk hemm restawr se jaraw ix-xogħol tad-Dipartiment tar-Restawr. Imma fejn jidħlu entitajiet regolatorji n-nies m'għandhomx għarfien, anke nies struwiti immens. Ġieli niltaqa' ma' chairpersons ta' kumpaniji privati li lanqas ikunu jafu li teżisti s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u jistaqsuni jekk hijiex xi fergħa ta' Heritage Malta, u nkun irrid infehemhom li mhijiex u li hija awtorità regolatorja.

Dan juri kemm irridu nkomplu nispjegaw u nfiehmu lill-pubbliku x'inhi l-funzjoni tas-Sovrintendenza. Is-Sovrintendenza hija r-regolatur f'dan is-settur tant importanti, li għandu numru ta' responsabbiltajiet, u l-aktar waħda importanti hi li tagħti l-parir tagħha fuq l-applikazzjonijiet kollha li jidħlu għall-ħruġ ta' permess tal-ippjanar. Din hija xi ħaġa li niftaħar biha. Kienet deċiżjoni li Gvern Laburista ħa minflok nagħmlu kif kien jagħmel Gvern Nazzjonalista, li l-MEPA dak iż-żmien kienet tagħżel hi liema applikazzjonijiet tgħaddi lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għall-fehma tagħha, u jekk tkun ixxurtjat – ħalli nuża din il-kelma minflok nuża kelma oħra – l-applikazzjoni tiegħek ma tgħaddix quddiem is-Sovrintendent, u jekk ma tkunx ixxurtjat, tgħaddi!

Dik kienet is-sitwazzjoni fi żmien Gvern Nazzjonalista. Aħna konna ħadna d-deċiżjoni li s-Sovrintendenza tagħti l-fehmiet tagħha fuq l-applikazzjonijiet kollha. Mela mhux jekk intix ixxurtjat jew le, jekk intix gustuż jew le, jew jekk intix ikrah jew le, imma tagħti l-fehmiet kollha. Għalija din id-deċiżjoni li konna ħadna fl-2015 meta l-MEPA nqasmet f'żewġ entitajiet separati, irridu nitkellmu aktar dwarha u nenfasizzaw kemm ħareġ ġid minn din id-deċiżjoni għaliex, kif jispjegali tant tajjeb is-Sovrintendent innifsu, kultant tkun washroom fuq bejt li tgħatti skyline li altrimenti jkun pristin u sabiħ ħafna.

Sur President, meta taħdem f'dan is-settur tibda titgħallem u tistaqsi għaliex washroom fuq il-bejt għandha tgħaddi għand is-Sovrintendent u noqogħdu nagħtu parir fuqha jekk għandhiex issir jew le. Għaliex kultant, kif għedt, hija washroom fuq il-bejt li tgħatti skyline sabiħ immens ta' ċentru ta' raħal jew li tgħatti l-iskyline tal-Belt Valletta, pereżempju. Mod ikollok washroom ġo għalqa u mod ieħor ikollok washroom fir-ring road tal-Belt Valletta. Qed insemmi washroom bħala eżempju sempliċi biex jifhimni kulħadd. Għalhekk id-deċiżjoni li konna ħadna li l-applikazzjonijiet kollha jmorru quddiem is-Sovrintendent, fil-fehma tiegħi kien l-akbar pass li qatt ittieħed favur il-protezzjoni tal-wirt storiku u ta' dak li jagħmilna Maltin. Ħaddieħor ipaċpaċ u aħna nwettqu l-bidla!

Naturalment il-fatt li s-Sovrintendenza issa trid tagħti l-parir fuq l-applikazzjonijiet kollha jfisser li kellna ninvestu f'riżorsi ġodda, fosthom f'impjegati ġodda. Kellna naraw kif ikollna impjegati ġodda li jkunu struwiti, kompetenti, li jifhmu u jkunu tajbin, għaliex inti mhux li timpjega imma jrid ikollok nies imħarrġin. Kellna sitwazzjoni – u din nixtieq nirrepetiha għax diġà kont għedtha fil-Parlament – fejn kont tmur għand is-Sovrintendenza biex tiċċekkja fuq file, tħabbat il-bieb isfel, joħroġ rasu mit-tieqa wieħed mill-impjegati tas-Sovrintendenza – u mort jien personalment meta l-Partit Nazzjonalista kien fil-Gvern – jistaqsik xi trid u tgħidlu biex jiftaħlek għaliex għandek meeting, u kien jgħidlek li ġej jiftaħlek. Lanqas receptionist ma kellhom dak iż-żmien, Sur President!

Illum tmur is-Sovrintendenza, għandek baġit ta' aktar minn €2 miljun fis-sena minn ftit eluf u għandek staff li kiber u żdied wieħed wara l-ieħor. Fil-fatt illum għandna aktar minn 50 impjegat full-time kollha mħarrġin sew, kollha kapaċi u struwiti, li jien niftaħar bihom ilkoll. Dik hija d-differenza! Minn ftit għexieren ta' eluf ta' ewro fi żmien il-Partit Nazzjonalista fil-gvern illum qed nitkellmu fuq €2 miljun fis-sena! L-ammont ta' impjegati, minn ftit tgħoddhom fuq id

waħda, illum għandek entità mimlija nies, ilkoll kapaċi u tajbin.

Huwa veru li fil-bidu meta ridna nitilqu niġru qbadna numru ta' impjegati mħarrġin fil-patrimonju storiku, fosthom nies bħal Joe Magro Conti, li huwa awtorità indiskutibbli fil-patrimonju storiku, kif ukoll Kurt Farrugia, is-Sovrintendent tal-lum, li huwa bravissimu. Dawn kienu jaħdmu fl-Awtorità tal-Ippjanar fil-qasam tal-ħarsien tal-patrimonju storiku u ġew jaħdmu s-Sovrintendenza. U bħalhom kien hemm madwar sitt impjegati li servew bħala l-pedament li fuqu stajna nibnu s-Sovrintendenza l-ġdida. Dawn bdew jgħallmu lill-impjegati l-ġodda, kienu l-gwida ta' dawn l-impjegati ġodda u kellna sitwazzjoni fejn setgħu jittrażmettu dak li kienu jafu u jgħallmu lil dawk ġodda.

Kien hemm min staqsieni jekk din hijiex sabiħa li jkollok nies li kienu ġejjin mill-Awtorità tal-Ippjanar jaħdmu mas-Sovrintendenza. Għandhom raġun jgħidu hekk, imma trid tgħid ukoll li fi żmien Gvern Nazzjonalista s-Sovrintendenza prattikament kienet ineżistenti u opportunitajiet għal min iħobb il-patrimonju storiku ma kien hawn imkien. Jekk tiggradwa fl-istorja, fl-arkeoloġija jew fil-qasam patrimonjali kont issibha diffiċli ħafna li ssib taħdem. Lanqas kien hemm konservaturi jew nies li jistgħu jagħtu fehma fuq aspetti arkeoloġiċi, imma llum għandna karrieri kbar fil-qasam tal-konservazzjoni, fil-qasam tar-restawr kif ukoll fil-qasam tal-arkeoloġija.

Għalhekk dak iż-żmien min kellu għal qalbu l-patrimonju storiku kien imur jaħdem il-MEPA, għaliex jew tmur hemmhekk jew inkella tara x'xogħol se ssib, mentri llum is-Sovrintendenza toffrilek opportunità ta' karriera. Min iħobb il-ħarsien tal-patrimonju storiku jaf li jista' jmur jaħdem hemm, jaħdem ma' Heritage Malta, jista' jidħol fil-konservazzjoni, jiftaħ uffiċċju privat u jagħti l-pariri lis-Sovrintendent meta jkun hemm żvilupp ta' impatt storiku.

Sur President, ara x'karrieri ħloqna! Jiġifieri minbarra li żidna l-impjiegi fis-Sovrintendenza b'baġit ta' €2 miljun, mhux il-ftit għexieren ta' ewro li kien hemm fi żmien Gvern Nazzjonalista, illum żidna l-opportunitajiet tax-xogħol għal dan is-settur. Mela mhux biss qed jibbenefikaw dawn il-professjonisti l-ġodda imma qed jibbenefika l-pajjiż kollu kemm hu. Fil-qasam tal-kultura issa għandna professjoni, għandna futur. Mhux qed nitkellem dwar performing arts, għaliex dak huwa aspett ieħor. Qed nitkellem fuq patrimonju storiku, fuq restawr, fuq konservazzjoni, fuq nies li jaħdmu fil-qasam tal-impatt ta' żvilupp fuq il-patrimonju storiku. Hemmhekk għandna karrieri ġodda. Nieħu gost meta nagħmlu l-open days u niltaqa' ma' ġenituri li jkollhom lil uliedhom magħhom u jgħiduli li meta jikbru jixtiequ jaħdmu fis-settur tal-ħarsien tal-patrimonju storiku; pereżempju jixtiequ jkunu arkeologi, konservaturi tal-injam, tal-karta, ta' diversi setturi. Hekk nieħu gost għaliex meta kont żgħir jien ma kienx hawn dawn l-opportunitajiet.

Illum hawn dawn l-opportunitajiet li ma ġewx b'kumbinazzjoni imma ġew għaliex investejna. Jien dejjem ngħid li huwa faċli tpaċpaċ, għaliex li tpaċpaċ hija xi ħaġa rħisa li kulħadd kapaċi jagħmilha, imma li twettaq hija diffiċli. Minn entità fantażma bi ftit flus illum qed nitkellmu dwar entità li għandha €2 miljun fis-sena, li f'sentejn jew tlieta minn €1 miljun telgħet għal €2 miljuni. Dik hija l-kapaċità u l-ħila, mhux li tpaċpiċ imma li jkollok dawn it-tip ta' entitajiet. Nirringrazzja minn qalbi lill-ħaddiema kollha tas-Sovrintendenza tax-xogħol li qegħdin jagħmlu.

Dan huwa Abbozz ta' Liġi li qed jipproponi emenda importanti fejn jidħol moviment jew importazzjoni ta' oġġetti ta' patrimonju storiku, normalment pitturi, li ġejjin minn nies mhux Maltin li jixtiequ jiġu joqogħdu Malta temporanjament. Dan il-proċess se jiġi mtejjeb b'mod li jekk xi ħadd barrani jixtieq jiġi jgħix Malta biex jinvesti f'kumpaniji, biex joħloq ix-xogħol u l-ġid u għandu kollezzjoni tal-arti, dan jista' japplika biex jinħariġlu ċertifikat għal għaxar snin u dak li jkun għandu l-konfort li jekk jiġi Malta u se jerġa' joħroġ minn Malta seba' snin wara jew jiġi nieqes u l-eredi jixtiequ joħorġu l-pittura li kellu, jistgħu jagħmlu hekk.

Sur President, naħseb li din hija xi ħaġa li toħloq bilanċ tajjeb ħafna u żgur li se tinżel tajjeb biex tpoġġi lil Malta fuq il-mappa aktar milli diġà hi. Kif diġà semmejt, *The Guardian*, *CNN*, *Forbes* u *Bloomberg* kollha faħħru lil Malta bħala destinazzjoni kulturali għas-sena 2024 u b'dawn it-tip ta' emendi u bidliet inkunu nistgħu nattiraw aktar nies li jħallu impatt kulturali f'pajjiżna biex jiġu f'Malta u jgħidu li minn tant postijiet fid-dinja, Malta hija l-post fejn iridu jiġu biex ikomplu jmexxu 'l quddiem il-ħajja tagħhom. Naħseb li din l-emenda hija waħda tajba u se tagħmel il-ġid. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Julie Zahra.

**ONOR. JULIE ZAHRA:** Sur President, għedtha kemm-il darba f'din il-Kamra u ma nixba' qatt nirrepetiha: kemm hu importanti li nkomplu nfakkru dwar il-patrimonju kulturali rikk li għandu pajjiżna u l-bżonn li jkun imħares mhux biss għalina, iżda forsi aktar importanti minn hekk, għall-ġenerazzjonijiet ta' għada. Għalhekk aħna bħala leġiżlaturi għandna d-dmir u l-obbligu li mhux biss nagħmlu dan illum iżda wkoll li naħsbu għall-futur billi nkomplu nsaħħu l-qafas legali li jipprovdi għal dan, ir-regolamentazzjoni tas-settur, u kif se nassiguraw il-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' dan il-patrimonju daqshekk rikk li jappartjeni lil kull Malti u Għawdxi, kemm tal-lum kif ukoll dawk ta' għada.

Naf li dan ma japplikax għal kulħadd għaliex, kif ma nixbax nirrepeti dwar ir-rikkezzi kulturali ta' pajjiżna, ma nixbax nirrepeti lanqas dwar kif hawn min, anke f'din il-Kamra stess, l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna, jibqa' jiġi jaqa' u jqum mill-qafas legali li jipproteġi l-wirt kulturali tagħna għaliex, pereżempju, il-pool tad-dar tiegħu għandi nifhem li fejn kienet għadha u sal-lum ma jrid jgħidilna xejn, la hu u lanqas min suppost ħa l-passi! Dan huwa parti mill-patrimonju nazzjonali tagħna lkoll.

Dan il-qafas legali huwa regolat mill-Att dwar il-Patrimonju Kulturali li kien daħal fis-seħħ fl-2002 bl-iskop li jtejjeb dak il-qafas ta' liġi li kien ilu jeżisti sa mill-1925, jiġifieri l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet. Dan l-Att daħal taħt il-Gvern Nazzjonalista u għamel riforma sħiħa fis-settur, tant li bidel b'mod wiesa' kif kellu jiġi protett, salvagwardat u, fuq kollox, regolat il-wirt kulturali tagħna kif ukoll l-entitajiet li kellhom jagħmlu dan u kif setgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom.

L-Att tal-2002 ħoloq is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u Heritage Malta, fost oħrajn, u bbaża fuq il-konservazzjoni u l-preservazzjoni ta' dak kollu li writna, dak li jifforma parti minn dan il-patrimonju vast ta' sekli ta' ċiviltajiet li b'xi mod jew ieħor ħallew il-marka tagħhom fuq pajjiżna, iżda mhux biss, imma wkoll dak li hu indiġenu, dak il-patrimonju li ħolqu l-Maltin u l-Għawdxin għal pajjiżhom. Minn hawnhekk irrid bilfors insellem u nrodd ħajr lil dawk kollha li jew sal-lum stess jew dawk li m'għadhomx magħna taw jew għadhom qed jagħtu kontribut dirett biex dan il-patrimonju kulturali jarrikkixxi ruħu u li bħala poplu jagħmilna kburin.

Irrid ukoll insellem lil mijiet ta' persuni involuti fil-konservazzjoni, l-immaniġġjar u l-preservazzjoni ta' dak il-patrimonju kif ukoll l-NGOs kulturali u volontarji li jaħdmu magħhom, kemm dawk il-persuni li jaħdmu mal-entitajiet tal-Istat kif ukoll dawk privati, li bid-dedikazzjoni u bl-imħabba tagħhom lejn dak li jagħmlu u s-sens ta' kompetenza li għandhom f'dan kollu, qegħdin jagħmlu ħidma fantastika u ta' preġju fis-settur. Għaliex x'inhu pajjiż mingħajr patrimonju? Qisu għandek kitarra mingħajr il-kordi. Huwa l-patrimonju kulturali li jagħtina l-identità tagħna, li jagħmilna min aħna, u għalhekk l-importanza li dejjem inkomplu nsaħħu l-qafas ta' kif jopera dan is-settur u kif l-entitajiet eżistenti għandhom jaħdmu id f'id flimkien.

Fl-2019 dan l-Att reġa' għadda minn bidliet oħrajn li jindirizzaw regolamentazzjonijiet ulterjuri kif ukoll l-immaniġġjar tal-wirt kulturali. Dan jurina kemm anke s-settur tal-patrimonju kulturali tagħna mhuwiex wieħed statiku u rridu wkoll inħarsu lejh u nindirizzawh skont l-isfidi u r-realtajiet tal-ġurnata. Dan l-Att indirizza r-regolarizzazzjoni tal-għoti tal-warrants lill-operaturi fil-qasam tal-konservazzjoni u r-restawr u li allura kellhom iwasslu għal standards ogħla fil-professjoni tal-konservazzjoni u r-restawr.

Emenda oħra li ġabet dik il-liġi kienet ukoll l-inklużjoni tal-wirt kulturali li jinsab fil-baħar ta' madwarna, għaliex naturalment anke dak hu wirt kulturali u huwa wkoll parti mill-patrimonju tagħna, u għalhekk għandu jkun hemm ukoll il-preservazzjoni, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tiegħu. Bħal fuq l-art, pajjiżna sab fih diversi oġġetti ta' valur kulturali u mhux biss relitti. Għamilna biżżejjed? Żgur li le! U l-patrimonju kulturali tagħna ta' taħt il-baħar forsi huwa aktar soġġett għal abbuż għaliex huwa 'l bogħod mill-għajn iżda l-Att witta t-triq li nittama li rridu nkomplu nibnu fuqha għaliex ikun għajb għal pajjiżna li jintilfu l-kollezzjonijiet sħaħ minħabba nuqqas ta' regolamentazzjonijiet jew infurzar.

Kien hemm emendi oħrajn, li naturalment m'iniex se noqgħod nidħol fihom waħda waħda, iżda rrid ngħid li din il-Kamra, maż-żmien – forsi mhux biżżejjed għaliex qatt mhu biżżejjed – rat kif toħloq qafas li fih mhux aktar inħarsu lejn il-

patrimonju kulturali tagħna bħala biss li jeżisti iżda wkoll dwar l-apprezzament, il-konservazzjoni u standards ogħla ta' kif għandu jsir dan. Dak l-Att tal-2019 daħħal ukoll fil-liġi provvediment dwar il-monitoraġġ ta' wirt kulturali mobbli u immobbli, liema poter ġie mogħti lis-Sovrintendenza.

Fil-fatt iddaħħal fil-liġi għall-ewwel darba l-moviment u importazzjoni ta' proprjetà kulturali f'Malta għall-iskop ta' wirja temporanja jew donazzjoni temporanja jew bejgħ, fejn is-Sovrintendenza tista' toħroġ ċertifikat li jiggarantixxi li l-Gvern jista' jirrinunzja dwar dawn l-oġġetti għad-dritt ta' preferenza kif ukoll għad-dritt li jiġu projbiti l-esportazzjoni mill-ġdid jew il-moviment tagħhom għal barra minn xtutna għal perjodu ta' għaxar snin mid-data taċ-ċertifikat u garanzija. Mela hawnhekk is-Sovrintendenza tista' toħroġ ċertifikat permezz ta' din il-garanzija però mhijiex obbligata iżda tista' tagħmel dan, u din id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq ċerti rekwiżiti li tipprovdi l-liġi stess.

Iżda l-emenda għall-Att li qed tkun diskussa llum hija dwar żieda ma' dan l-artikolu ta' dan l-istess Att fejn fil-każ ta' persuni li se jirrisjedu f'Malta - jiġifieri dawn għadhom ma ġewx joqogħdu Malta, għadhom ġejjin - is-Sovrintendenza għandha toħroġ ċertifikat li jiggarantixxi li l-Gvern jirrinunzja dwar dawn l-oġġetti sakemm ma jkunx ta' importanza nazzjonali għal Malta, għad-dritt ta' preferenza u għad-dritt li jiġu projbiti l-esportazzjoni mill-ġdid jew il-moviment tagħhom barra minn Malta, u dan ukoll għal perjodu ta' għaxar snin mid-data taċ-ċertifikat u l-garanzija, liema ċertifikat u garanzija jistgħu jiġu mġedda. Mela fl-ewwel każ għandna li s-Sovrintendenza tista' u fit-tieni każ, u ċjoè l-emenda l-ġdida hekk kif proposta mill-Gvern, li għandha tagħmel dan. Qisu hawnhekk m'għandhiex diskrezzjoni iżda għandha obbligu li tagħmel dan.

Din in-naħa tal-Kamra ssibha ftit ambigwa kif fl-ewwel każ il-Gvern qed jgħid li s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali tista' twettaq dan, u allura jħalli lill-istess Sovrintendenza element ta' diskrezzjoni, iżda fit-tieni każ, jiġifieri dak ta' persuni li se jirrisjedu Malta, għandha tagħmel dan bilfors. Anke din it-terminoloġija ta' "persuni li se jirrisjedu Malta", il-liġi kif proposta ma tagħtix definizzjoni ċara ta' min huma dawn il-persuni. Il-Ministru forsi jista' jgħidli aħjar, għaliex ma kienx ċar fuqha lanqas. Iżda hemm persuni naturali u hemm persuni legali, li jistgħu jkunu kumpaniji, pereżempju, li forsi għandhom kollezzjoni ta' patrimonju kulturali. Jistgħu jkunu persuni, kif smajt lill-Ministru jgħid, ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea, pereżempju, li f'pajjiżhom forsi jkun għaddej konflitt armat u forsi fejn dawn l-oġġetti kulturali jkunu ġew negozjati fost organizzazzjonijiet kriminali jew terroristiċi. Jiġifieri rridu naraw dan l-aspett minn dan il-lat ukoll.

Sur President, x'qiegħed ifisser il-Gvern meta qed jgħid "jirrisjedu"? Jiġu Malta b'mod temporanju jew permanenti? Anke hawnhekk hawn lok għal interpretazzjoni. Inħoss li meta niġu biex niktbu l-liġi bħala leġiżlaturi f'din il-Kamra, il-liġi m'għandhiex tagħti ħafna lok għal interpretazzjoni iżda għandha tkun ċara u tinftiehem għax s'issa mhijiex ċara. Jiġifieri qed inpoġġuha daqshekk sempliċi, però mhijiex sempliċi u mhijiex ċara.

Fir-rigward ta' min huma dawn il-persuni u l-parametri li jiddefinixxu residenza, il-liġi kif inhi proposta mhi assolutament ċara xejn. Ejjew ngħidu li mad-daqqa t'għajn l-iskop ta' din l-emenda huwa tajjeb, ma nafx għalfejn inħass il-bżonn li artikolu 54 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali jiġi estiż għal tali persuni li, kif għedt, ma nafux x'persuni huma jew x'tip ta' residenza se jkollhom f'Malta. Forsi hemm xi raġuni partikolari! Għaliex tan-naħa l-oħra hekk jagħmlu: idaħħlulek emenda innoċenti fil-liġi fin fin, imbagħad ikun hemm xi ħadma akbar! Sfortunatament kien hemm ħadma f'kull settur li missew, u kieku minflok forsi ħlew l-€400 miljun fuq l-isptarijiet li, kif għednielhom, illum huma barumbara tal-ħamiem, nefqu mqar 10% minnhom fuq il-patrimonju nazzjonali, forsi konna nkunu ftit aħjar.

Punt ieħor huwa dwar proprjetà kulturali. Nemmen li wasal iż-żmien li niċċaraw x'nifhmu biha u mhux inħalluha miftuħa b'mod wiesa' għall-aħħar, qisha xi xibka tal-ħut li taqbad kollox ġo fiha. Għalhekk nemmen li rridu niddefinixxu x'inhi din il-proprjetà kulturali, kif wara kollox tagħmel il-Liġi tal-Unjoni Ewropea, li tiddefinixxi sew x'inhuma, mhux pitturi biss ... Hawnhekk se nikkwota mit-test tal-*Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on the import of cultural goods* maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Lulju 2017, fejn jingħad hekk:

"(a) 'cultural goods' means any object which is of importance for archeology, prehistory, history, literature, art or science and which belongs to the categories listed in the table in Annex and meets the minimum age threshold specified therein;".

Sur President, hawnhekk nitlob il-permess biex inqiegħed dawn id-dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JULIE ZAHRA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Estratt mill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Ġunju 2019, bl-isem *Regulation (EU) 2019/880 of the European Parliament and of the Council of 17 April 2019 on the introduction and the import of cultural goods*; u

Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on the import of cultural goods maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Lulju 2017.

L-Annex li jissemma jiddefinixxi aktar fid-dettall dawn il-kategoriji u l-perjodi ta' żmien applikabbli biex dawn jiġu definiti bħala tali. Fil-fehma tiegħi hawnhekk ukoll nistgħu ntejbu l-liġi billi nipprovdu ċar u b'mod inekwivoku dak li għandu jitqies bħala proprjetà kulturali biex, mill-ġdid, ma jkunx hemm lok ta' interpretazzjonijiet jew abbużi. Fil-fatt din id-definizzjoni tinsab ukoll fl-Att dwar il-Patrimonju Kulturali tal-2002.

Ħalli mmur lura għall-emenda proposta f'dan l-Abbozz ta' Liġi, u ċjoè:

"Iżda fil-każ ta' persuni li ser jirrisjedu ġewwa Malta, is-Sovrintendent għandu joħroġ ċertifikat li jiggarantixxi li l-Gvern jirrinunzja, fir-rigward ta' dawn l-oġġetti, sakemm l-oġġetti ma jkunux ta' importanza nazzjonali għal Malta, għad-dritt ta' preferenza u għad-dritt li jiġi pprojbit l-esportazzjoni mill-ġdid jew il-moviment tagħhom barra minn Malta, għal perjodu ta' għaxar snin ...".

Però rridu nkunu ċerti kif pajjiżna se jkun qiegħed jiggarantixxi li Malta ma tintużax bħala mezz għall-fini ta' moviment b'mod illegali ta' tali oġġetti kulturali. Bi kliem daqstant wiesa' mingħajr ma, kif spjegajt, nafu forsi x'persuni qed jalludi għalihom il-Gvern jew taħt liema forma u kapaċità se jkunu residenti f'Malta se nkunu qegħdin nagħlqu jew niftħu li ma jkunx hemm moviment illegali ta' oġġetti kulturali fuq il-black market jew jekk dawn l-istess oġġetti hux se jkunu użati f'sistema ta' ħasil ta' flus. Għalhekk il-liġi hawnhekk trid tkun ċara. Kif inhi ma tagħtix is-salvagwardji neċessarji la għal pajjiżna u lanqas għall-istituzzjonijiet internazzjonali li aħna parti minnhom.

Irridu nassiguraw li l-emenda li qed nagħmlu f'din il-liġi ssir kif suppost biex nevitaw ir-riskji tad-deċiżjonijiet u r-regoli li fil-passat wassluna għar-reputazzjoni anke ta' grey listing. Forsi jista' jkun li wasal iż-żmien li Malta wkoll tiffirma l-UNESCO Convention tal-1970 dwar esportazzjoni illegali u trasferiment ta' sidien ta' proprjetà kulturali u l-UNIDROIT Convention tal-1995 dwar serq jew esportazzjoni illegali ta' oġġetti kulturali. Dawn huma żewġ konvenzjonijiet importanti u bżonjużi ħafna għaliex b'hekk wieħed ikun jista' josserva dawn il-konvenzjonijiet.

Sur President, qed ngħid dan kollu għaliex il-patrimonju kulturali, kif għedt fil-bidu, għandu importanza kulturali, soċjali, artistika, storika u xjentifika kbira. Il-patrimonju kulturali huwa wieħed mill-elementi bażiċi taċ-ċiviltà tagħna li għandu valur simboliku u li jifforma parti mill-memorja kollettiva ta' kull nazzjon u li jagħtina l-identità tagħna, jarrikkixxi ħajjitna u jgħaqqadna. Għalhekk il-patrimonju kulturali għandu jkun protett bi kwalunkwe forma u mod, kemm legali, soċjali u morali kontra l-miżapproprjazzjoni tiegħu għaliex dak jiġi reat mhux biss kontra l-Istat iżda kontra l-memorja kollettiva tagħna lkoll. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli.

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI (Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali):** Sur President, qabelxejn nixtieq nieħu l-opportunità biex nawgura s-sena t-tajba lilek, lill-

kollegi f'din il-Kamra kif ukoll lill-Maltin u l-Għawdxin kollha. Nixtieq nifraħ ukoll lill-kollegi li għadhom kif ġew fdati bi rwol ġdid fil-qadi ta' dmirijiethom.

Is-sena 2024 se tkun sena oħra ta' għażliet importanti u deċiżjonijiet siewja. Se nkomplu nkunu Gvern li jagħti ċertezza u serħan il-moħħ b'dak kollu li nwettqu f'pajjiżna kif ukoll lil hinn minn xtutna b'risq Malta tagħna. Se nkomplu nagħmlu d-differenza pożittiva fil-ħajja tan-nies u nissoktaw insarrfu l-fiduċja li tawna n-nies f'ħidma biex pajjiżna jkompli miexi 'l quddiem, biex il-poplu Malti jkompli jgħix ħajja ta' kwalità. Se nkomplu nagħmlu riformi kuraġġużi li jmissu mal-ħajja tan-nies u se nkomplu nkunu man-nies u nħossu dak li jgħidilna l-poplu. Dan għaliex in-nies huma fiċ-ċentru tal-politika tagħna, fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet tagħna li nieħdu kuljum. Għalhekk se nibqgħu noffru stabilità, se nibqgħu noffru ċertezza u serħan il-moħħ liż-żgħażagħ, lill-familji, lin-negozji kif ukoll lill-ħaddiema għaliex l-għan ta' Gvern Laburista huwa li jassigura mhux biss il-ħajja ta' issa imma wkoll jaħseb fil-futur tal-poplu Malti u Għawdxi.

Is-sena 2024 se tkun qed tara wkoll it-twettiq u l-implimentazzjoni tat-tieni baġit minn ħamsa għal din il-leġiżlatura. Dan huwa baġit Soċjalista li jaħseb f'kulħadd, b'mod speċjali dawk l-aktar fil-bżonn, baġit li jseddaq u jinvesti fin-nies. Dan l-Abbozz ta' Liġi li qed inressqu llum li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, huwa wkoll bidla biex intejbu u tiġi regolata b'mod aħjar l-importazzjoni u l-moviment ta' proprjetà kulturali f'Malta. Illum għandna r-realtà li individwi, li jinkludu wkoll artisti, li jkunu jixtiequ jiċċaqilqu lejn pajjiżna anke minħabba l-arti u l-kultura rikka tagħna - allura dawn isostnu l-ekonomija tagħna - jibqgħu lura milli jagħmlu dan minħabba l-biża' li l-arti tagħhom, xogħolhom jew il-kollezzjoni tagħhom tkun soġġetta li tista' tittieħed mill-Istat Malti jew inkella li l-Istat Malti jżomm il-moviment mill-ġdid tal-arti jew tal-artifatti lura barra minn Malta. Għalhekk dawn l-individwi jkollhom ma jagħżlux lil Malta minkejja li Malta tkun il-preferenza tagħhom.

Dan ikun ifisser li Malta titlef opportunità li biċċiet ta' arti u artifatti jkunu esposti f'pajjiżna, u għalhekk titlef ukoll il-kontribut ekonomiku ta' dawn l-individwi u l-assi tagħhom. Aħna nifhmu li din is-sitwazzjoni għandha tiġi riżolta u llum qed inressqu dan l-Abbozz ta' Liġi biex individwi b'valur nett għoli li jkunu jixtiequ jirrilokaw f'pajjiżna jkunu jistgħu jġibu magħhom l-arti u l-artifatti tagħhom mingħajr il-biża' li l-Istat Malti, permezz tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, iżommhom jew jipprojbixxi l-moviment mill-ġdid ta' biċċiet ta' arti u artifatti barra minn pajjiżna.

Din l-emenda, minbarra li tagħti lok li s-Sovrintendent joħroġ ċertifikat, tipproponi wkoll li l-oġġetti għandhom jiġu eżaminati u reġistrati fil-mument tad-dħul f'Malta. Apparti minn hekk, iċ-ċertifikat u l-garanzija għandha tinkludi dettalji u deskrizzjoni tal-proprjetà kulturali. Il-Ministru Owen Bonnici jaħdem b'qalbu kollha fil-qasam tal-arti u l-kultura u hija ħasra li tkun il-liġi li twaqqaf lil pajjiżna milli jkun jista' jgawdi dawn ix-xogħlijiet ta' arti prestiġjużi u jkabbar l-opportunitajiet li jistgħu jinħolqu bejn l-artisti u l-kollezzjonijiet ta' kwalità.

Kull min għandu għal qalbu l-arti u l-wirt kulturali żgur li se jkun qed japprezza l-proposti f'dan l-Abbozz ta' Liġi għaliex l-arti m'għandux ikollha fruntieri imma għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd. Qed jiġuni f'moħħi, pereżempju, xi kunsilli lokali, li żgur ikunu jixtiequ jesebixxu għall-pubbliku xi biċċiet ta' arti ta' artisti barranin li forsi jirrilokaw fil-lokalità tagħhom u allura jkunu jistgħu jitgawdew ukoll mir-residenti kollha ta' dik il-lokalità. Din il-proposta hija pass 'il quddiem biex pajjiżna jkompli juri li l-arti u l-kultura hija apprezzata u tagħti valur addizzjonali lill-komunitajiet tagħna.

Sur President, se nkomplu nisimgħu u fejn nistgħu ntejbu ntejbu għall-ġid ta' pajjiżna u għall-ġid komuni. Se nkomplu mmexxu lil pajjiżna 'l quddiem f'kull settur. Sfida wara sfida pajjiżna għaraf joħloq aktar opportunitajiet, għaraf jegħleb l-isfidi u joħroġ b'saħħtu aktar u hekk se nkomplu nagħmlu. Għandna sena oħra ta' ħidma quddiemna, sena fejn matulha anke l-poplu se jkun qed jagħmel l-għażliet importanti tiegħu, li mbagħad jibqa' jaqta' l-frott tiegħu minnhom matul il-ħames snin ta' wara. Il-poplu se jagħmel l-għażliet biex ikollna l-aqwa rappreżentanti li jsaħħu s-sabiħ u t-tajjeb, li jimlew b'sodisfazzjon il-komunitajiet tagħna, għażliet biex jitwettaq il-ħolm u jsir possibbli permezz tal-persuni bieżla u għaqlin li jagħżel il-poplu tagħna. Se nkomplu nħarsu u nimxu 'l quddiem għal din Malta li tant inħobbu, għall-Maltin u l-Għawdxin kollha għaliex dan il-poplu

hekk jixraqlu. Se nkomplu nbiddlu u ntejbu wara li nisimgħu kull fejn hemm bżonn. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Sur President, dan huwa suġġett importanti ħafna. Naħseb li kull Membru ta' din il-Kamra għandu għal qalbu l-istorja, il-wirt kulturali u storiku ta' pajjiżna. Emenda bħal din ma neħduhiex b'leġġerezza, ma ngħidux li għax hija emenda qasira mela ma rridux nidħlu fid-dettall tagħha. Kultant bil-kontra, u inti tgħallimni hawnhekk, Sur President. Kemm-il darba tressqu abbozzi ta' liġi f'din il-Kamra, li wara li nkunu għaddejniehom minn din il-Kamra, wara li din in-naħa tal-Kamra tkun ġibdet l-attenzjoni dwar dettalji importanti ta' dawk il-liġijiet, wara li l-Gvern ikun webbes rasu u għamel tiegħu, wara li jinqala' l-bżonn li dawk il-liġijiet jintużaw kif suppost - għaliex għalhekk nilleġiżlaw - u jitilgħu quddiem il-Qorti, nerġgħu nsibu dawk l-istess liġijiet fi żmien qasir ħafna f'ħoġorna f'din il-Kamra proprju biex isir dak li għandha bżonn il-Qorti meta tiġi biex tuża dawn il-liġijiet. U dik hija ċ-ċertezza legali. Nafu li fil-bidu tas-seduti tal-Kamra inti, Sur President, kemm-il darba tippreżenta sentenzi tal-qrati li jindikaw liġijiet li b'xi mod ikunu jilledu xi dritt jew ikunu jinħtieġu azzjoni ulterjuri minn din il-Kamra.

Jien se norbot kompletament mad-diskors li għadha kemm għamlet il-kollega tiegħi, l-Onor. Julie Zahra, li bla dubju ta' xejn fid-diskors dettaljat ferm tagħha, qiegħda turi li aħna għandna għal qalbna l-wirt kulturali ta' pajjiżna. Min sema' d-diskors tal-Onor. Bonnici malajr seta' ħaseb li din hija liġi ġdida. Fil-fatt dawn huma emendi u ħadt pjaċir nisma' lill-Onor. Zahra terġa' ddur pass pass mal-istorja ta' din il-liġi, għaliex qegħdin fis-sena 2024 u malajr ikun hemm min jaħseb li ħadd m'għamel xejn qabel illum dwar dan is-suġġett!

Minn hawnhekk, bħalma għamlet l-Onor. Zahra, l-ewwel nett irrid insellem lil kull min jaħdem f'dan is-settur. Għal ħafna nies li jaħdmu f'dan is-settur dan ix-xogħol huwa daqsxejn solitarju għaliex tqatta' ħin twil tagħmel ir-riċerka u tieħu ħsieb l-affarijiet. Hemm affarijiet li qatt ma jaraw id-dawl tax-xemx għaliex mhux dejjem huwa posthom li jkunu esposti f'ċerti postijiet. Hemm ukoll ħafna ħidma li trid issir kontinwament għaliex il-patrimonju storiku u kulturali ta' pajjiżna huwa wkoll fraġli u allura għandu bżonn ħafna attenzjoni. Jien fix-xogħol tiegħi ta' kuljum immur inħabbat il-bibien ta' nies biex idaħħlu jdejhom fil-but u jagħtu l-appoġġ tagħhom lir-riċerka li ssir f'pajjiżna, u wieħed mill-oqsma l-aktar diffiċli biex issib is-sapport għalih huwa dan li qed nitkellmu dwaru llum, jiġifieri l-wirt kulturali u storiku ta' pajjiżna.

Minn hawnhekk nirringrazzja wkoll lil min għaraf l-importanza - m'iniex se nsemmi la nies u lanqas azjendi - li meta turi s-sapport tiegħek anke b'mod finanzjarju fir-riċerka li tant għandu bżonn pajjiżna tkun qiegħed tinvesti, f'dan il-każ fil-passat, imma wkoll fil-futur għaliex, bħalma semmiet l-Onor. Zahra qabli, fl-aħħar mill-aħħar aħna qegħdin hawnhekk biex niggarantixxu li almenu dak li jinsab f'pajjiżna bħalissa mhux biss jibqa' imma jintiret. Huwa inutli li tisma' stejjer li jgħidulek li xi darba hemmhekk kien hemm, pereżempju, inkwatru, skultura jew statwa ..

L-Onor. Zahra semmiet il-wirt enormi li għandna f'qiegħ il-baħar, li rridu noqogħdu attenti ħafna għalih. Naf ukoll bi proġetti kbar li għaddejjin, li jiswew il-miljuni u l-appoġġ lejhom għandu jkun kbir. L-ewwel ovvjament kien ħa żball il-Ministru meta qal li l-baġit huwa ta' €1 miljun, imbagħad ikkoreġa ruħu u qal li l-baġit għas-Sovrintendenza kien ta' €2 miljun. Hawnhekk nistaqsi jekk dan il-baġit huwiex biżżejjed bl-ammont ta' patrimonju li għandna. Bħalma għedt, dan huwa xogħol li mhux dejjem jidher, u kultant ix-xogħol li ma jidhirx daqshekk ma jingħatax l-attenzjoni li tixraqlu. Ħalli ngħaddi għal dan l-Abbozz ta' Liġi.

Sur President, ma nistax nenfasizza biżżejjed kemm huwa importanti li l-emenda tal-lum, bħal emendi f'liġijiet oħrajn, mhux toħloq l-inċertezza, bħalma qed nisimgħu f'din il-proposta ta' liġi, imma toħloq iċ-ċertezza legali. Ħalli ndur ftit dawn iż-żewġ paragrafi għaliex artikolu 2 tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, jgħidlek li s-subartikolu (8) tal-artikolu 54 tal-Att se jiġi emendat. U inti tibda taqra u taħseb li dawn biddlu kollox mentri dawn ħallew il-paragrafu sħiħ kif kien imma mbagħad żiedu s-sentenza "jew il-moviment tagħhom għal barra minn Malta" fil-każ tal-ewwel parti ta' dan il-paragrafu.

Pereżempju, il-Ministru beda jiftaħar li l-garanzija se jagħtuha għal għaxar snin. Diġà qiegħda fil-liġi din! Nirringrazzjah talli qed ifakkarna fiha imma ma jridx jgħidha qisu qed iddaħħalha llum għaliex min jaf il-ħaddiema tas-Sovrintendenza, li dam ifaħħarhom u jgħidilhom prosit, kemm bdew joqomsu u jgħidulu, "jiġifieri aħna qabel ma konna qed nagħmlu xejn?!" Dawn ilhom jagħmluh dan ix-xogħol għal għexieren ta' snin. Allura ejjew ngħidu l-affarijiet kif inhuma eżatt.

Imma mbagħad daħal paragrafu ġdid u l-Onor. Julie Zahra, bir-raġun kollu, bdiet tistaqsi ħafna mistoqsijiet għaliex hawnhekk daħħalna kunċett ġdid f'din il-liġi. L-emenda tgħid:

> "Iżda fil-każ ta' persuni li se jirrisjedu ġewwa Malta ...".

Hawnhekk se nagħmel mistoqsija. Ma nafx liema verżjoni nkitbet l-ewwel, jekk hux bil-Malti jew bl-Ingliż, imma jiena naħseb li l-ewwel inkitbet bl-Ingliż u mhux bil-Malti għaliex is-sens li joħroġ miż-żewġ verżjonijiet mhuwiex eżatt. Però ħalli nibqgħu fuq il-verżjoni bil-Malti għaliex dik hija l-aktar waħda importanti għalina fid-diskussjoni, "Iżda fil-każ ta' persuni li se jirrisjedu ġewwa Malta …". Mela l-emenda qed tgħidilna "se jirresjedu", mhux qegħdin hawn, u issa ddeċidew li jġibu ma nafx xiex u lil min u Alla biss jaf minn fejn! Nispera li qed nifhmu tajjeb hawnhekk li qed nitkellmu fuq nies li għadhom ġejjin u allura, la għadhom ġejjin, kellha raġun l-Onor. Julie Zahra meta staqsiet jekk nafux għal min se nagħmluhom dawn it-tip ta' emendi.

Xi ħaġa li konna qegħdin niddiskutu issa jiena u l-Onor. Zahra hija li l-persuni *per bene* li jgħixu minn pajjiż għal ieħor u jġorru magħhom il-patrimonju tagħhom li jkunu xtraw u investew fih jafu li jeżistu liġijiet u konvenzjonijiet u jimxu magħhom. Fil-fatt, nirringrazzja lill-Onor. Julie Zahra li ġibditli l-attenzjoni fuq punt li forsi ħallietu barra hi imma huwa importanti li nsemmuh, u ċjoè, il-Europol Object Inventory Card. Mela min ġej minn pajjiż tal-Unjoni Ewropea jaf, mhux bilfors għax hu ċittadin tal-Unjoni Ewropea imma għax jirrisjedi f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea, li għandu l-obbligu importanti li juri b'evidenza l-provenjenza tal-oġġetti li qegħdin nitkellmu fuqhom u t-titlu għall-proprjetà kulturali deskritt b'mod grafiku u bil-miktub fiċ-ċertifikat u l-garanzija biss.

Ejjew ma noqogħdux naħsbu li qed nagħmlu emenda għax qisu waqgħu l-affarijiet mis-sema u qisu ħadd m'għamel xejn u qed nivvintaw ir-rota. L-Onor. Zahra għamlet sew li semmiet il-konvenzjonijiet. Forsi min jara d-dati tagħhom jgħidlek li aħna mhux ukoll konna fil-Gvern u allura għalfejn ma daħħalnihomx. Illum il-ġurnata ngħid li qatt daqs illum ma nħasset il-ħtieġa li dawn il-konvenzjonijiet jiġu ffirmati. Qed nitkellmu fuq il-konvenzjonijiet tal-UNESCO tal-1970 u fuq il-UNIDROIT Stolen Cultural Property Convention tal-1995.

Illum ir-realtà hija li meta nħarsu lejn din il-liġi li qed tiġi emendata nsibu li, l-ewwel nett, din inkitbet fi żmien meta r-realtà tal-moviment tal-persuni u l-moviment tal-proprjetà tagħhom ma kienx bħalma hu llum u, it-tieni, nies li jimxu mal-liġi u mal-konvenzjonijiet jafu li għandhom jiddikjaraw ċerti affarijiet, jafu li għandhom juru l-provenjenza ta' ċerti affarijiet. Ħafna minnhom ikunu assigurati u allura bilfors li jinħolqu ħafna mistoqsijiet fuq dawn l-emendi li għandna llum.

Aħna nafu li fid-dibattitu li jsir hawn ġew persuna tqum, l-oħra tpoġġi, u nisimgħu d-diskorsi ta' xulxin. Fil-Kumitat irridu niddiskutuhom sew dawn l-affarijiet. U dawn il-mistoqsijiet li għandna jridu jiġu ċċarati għax mhumiex ċari. Bħalma għedt, dan huwa suġġett ta' importanza nazzjonali. Ir-responsabbiltà li nipproteġu l-wirt kulturali u storiku ta' pajjiżna mhux biss li rridu nipproteġu dawk l-oġġetti ta' valur għax jirrappreżentaw lilna u l-identità tagħna, imma jeżistu wkoll affarijiet li b'xi mod jew ieħor ġew f'Malta, qegħdin f'Malta b'mod legali u rridu nipproteġuhom ukoll.

Meta qed ngħidu "wirt storiku" f'pajjiżna, mhux qed nitkellmu biss fuq dawk l-artifatti bħalma hija l-pittura, l-iskultura, fost oħrajn, li huma Maltin, għax jekk nagħmlu hekk se nkunu parrokkjali. U mhux biss qed ngħid li huma Maltin għax saru mill-Maltin jew għax jirrappreżentaw l-istorja u l-wirt kulturali ta' pajjiżna imma wkoll għax jifformaw parti mill-patrimonju. Se nsemmi eżempju mhux żgħir, eżempju ta' valur enormi. Se nsemmi l-kollezzjoni ta' Durer li tinsab fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina. Dan l-artist mhuwiex Malti imma l-kollezzjoni ilha hawnhekk, allura dik illum tifforma parti mill-patrimonju ta' pajjiżna u għandha valur enormi. Issa jien semmejt eżempju wieħed imma hemm ħafna aktar x'wieħed isemmi. Hemm xogħlijiet, pereżempju, ta' artisti

Maltin f'pajjiżi oħrajn, li wkoll għandhom valur. Pereżempju, għadu kemm sar ir-restawr fuq il-Perez D'Aleccio fil-Kamra tat-Tron, li ma tistax tinqala' minn postha. Teknikament din qed tirrappreżenta wkoll il-wirt kulturali tat-Torok, kif kienu jilbsu, fost affarijiet oħra, imma l-oġġett f'dan il-każ, għax qiegħed fiss, imma anke jekk ma jkunx fiss b'dak il-mod, il-fatt li qiegħed f'pajjiżna huwa parti mill-wirt kulturali ta' pajjiżna.

Sur President, qed ngħid dan għax it-tieni paragrafu li għadni kemm semmejt jidħol fuq il-persuni. U jien nerġa' nissottolinja dak li qalet l-Onor. Julie Zahra, li staqsiet jekk il-persuni humiex persuni naturali jew persuni legali. Qed nitkellmu fuq individwi umani jew qed nitkellmu wkoll fuq kumpaniji u fuq il-provenjenza tal-affarijiet li dawn ġabu magħhom? L-istess paragrafu fir-rigward ta' dawn l-oġġetti jgħid "sakemm l-oġġett ma jkunx ta' importanza nazzjonali għal Malta". Min se jiddeċiedi jekk dawn l-affarijiet humiex ta' importanza nazzjonali għal Malta?

Irridu noqogħdu attenti x'aħna ngħidu għax hawnhekk f'daqqa waħda qegħdin nitkellmu fuq persuni li jew se jġibu magħhom jew se joħorġu magħhom minn pajjiżna oġġetti ta' valur storiku u kulturali. Jekk aħna niddeċiedu li oġġett mhuwiex ta' importanza nazzjonali, se nagħlqu għajnejna? Daqsxejn stramba din il-biċċa hawnhekk. Personalment għokritli għajni u mmarkajtha bil-highlighter. Ma nafx għaliex qed ngħidu "ta' importanza nazzjonali għal Malta". Kif se tiddeċiedi x'mhuwiex u kif se tiddeċiedi x'ma jiċċaqlaqx jew tiddeċiedi li tagħlaq għajnejk fuqu?

Hawnhekk, jekk kien hemm bżonn ta' ċertezza legali, inħolqot inċertezza kbira. M'għandix dubju li l-Ministru se jkun jista' jispjegalna kemm fl-għeluq ta' din id-diskussjoni imma aktar u aktar meta mmorru fl-istadju ta' Kumitat. Dan il-paragrafu huwa inkwetanti ħafna. Il-partijiet l-oħrajn, bħalma għedt, huma bejn wieħed u ieħor eżatt kif kienu qabel, fosthom l-għaxar snin ta' dan iċ-ċertifikat, li diġà kienet hemm fil-liġi. L-aktar inkwetanti hija din l-introduzzjoni tal-persuni, li rridu nifhmu eżattament x'qed ngħidu. Dawn għandhom xi tip ta' rabta? Ma ninsewx kemm inħolqot polemika f'din il-Kamra fid-diskussjoni fuq iċ-ċittadinanza u kemm kien hemm nies li suppost għexu u investew f'Malta u lanqas biss rifsu din l-art! Irridu noqogħdu attenti li issa m'aħniex se nifitħulhom il-bieb u t-tieqa biex iġibu hawnhekk affarijiet li kaxkru minn postijiet oħrajn! Ejjew noqogħdu attenti mill-mod ta' kif nintużaw għal skopijiet ulterjuri. M'għandniex naġevolawhom dawn l-affarijiet imma għandna nkunu l-break biex dawn jieqfu.

Sur President, Malta qiegħda f'sitwazzjoni debboli ħafna, dgħajfa ħafna, għax Malta l-konvenzjonijiet li semmiet l-Onor. Julie Zahra ma ffirmathomx. Kieku aħna firmatarji ta' dawk il-konvenzjonijiet, kieku hija ovvja li ċerti affarijiet m'għandniex għalfejn nagħmluhom u m'għandix dubju li se jqum il-Ministru u jgħidilna li ffirmajna tal-Ewropa għax kienet parti mill-proċess tad-dħul tagħna fl-Unjoni Ewropea. Però altru li inti tiffirma u altru li tattwa dak li tkun iffirmajt. Imma biex tgħaxxaqha, il-konvenzjonijiet mhux talli m'aħniex nattwawhom imma lanqas biss iffirmajniehom. Inħoss li dan huwa ż-żmien meta għandna nagħmlu dan.

Warajja jidher li se jitkellem l-Onor. Bedingfield. Aħna għandna wirt kulturali, speċjalment in-naħa tal-Kottonera, li għandu bżonn li jingħata aktar attenzjoni u aktar valur. Mhux dejjem qed jingħata din l-attenzjoni u l-valur. Però biex dan tagħmlu jrid ikollok liġijiet b'saħħithom, u biex tagħmel dan irid ikollok definizzjonijiet ċari. Meta beda jitkellem il-Ministru, minn din in-naħa tal-Kamra bdejna nifhmu li qed nitkellmu biss fuq kollezzjonijiet tal-arti, bħall-pittura, imma tista' tkun ukoll kollezzjoni ta' affarijiet differenti, li mhux dejjem għandek bżonn ċertifikat biex iġġorrhom min post għal ieħor,, bħal, pereżempju, kollezzjonijiet ta' bolol jew ta' muniti. Dawn l-affarijiet ma tantx trid kobor biex iġġorrhom u rridu noqogħdu attenti minnhom ukoll, imma l-aktar enfasi li saret hawnhekk hija fuq dawk l-affarijiet li huma artifatti li jista' jkollhom importanza storika, kulturali, ta' valur artistiku, li mhux bilfors ikunu ta' valur storiku għax m'għandhomx dak iż-żmien kollu bħalma għandhom affarijiet oħrajn.

Sur President, għaldaqstant nappella u nikkonkludi hawnhekk billi ngħid li din l-emenda kif inhi m'għandhiex iċ-ċertezza legali li għandna bżonn u allura minn issa nappella lill-Ministru biex meta naslu għall-istadju ta' Kumitat tinħoloq din iċ-ċertezza legali. Ejjew ma nkunux aħna li nistiednu li f'pajjiżna jiġru affarijiet li, sa fejn naf jien - forsi ma nafx biżżejjed - sal-lum ma sarux. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD (Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika):** Sur President, dan huwa abbozz ta' liġi importanti ħafna li se jkun qed jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kapitlu 445 tal-liġijiet ta' pajjiżna għall-finijiet ta' regolamentazzjoni aħjar tal-importazzjoni u l-moviment ta' proprjetà kulturali f'Malta.

L-għan u r-raġuni ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex tkun regolata b'mod aħjar l-importazzjoni u l-moviment ta' proprjetà kulturali f'Malta. Bħala Chairperson tal-Fondazzjoni Kottonera, anke kif issottolineat tajjeb il-kollega ta' qabli, l-Onor. Claudette Buttigieg, il-patrimonju kont involut direttament fih u ħadt gost ħafna naħdem flimkien mal-Ministru Owen Bonnici, li nsellimlu għax-xogħol kbir li għamel u qed jagħmel, u riċentement anke mas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli, li flimkien ħdimna matul dawn l-aħħar xhur biex inkomplu nsaħħu dak li għandna fil-Kottonera.

Huwa tajjeb li wieħed jgħid li fl-aħħar snin fil-Kottonera sar - u għalija dan huwa mingħajr preċedent - investiment ta' aktar minn €40 miljun. Mhux qed insemmi l-investiment kollu, qed neskludi l-Kumpless Sportiv għax jekk ninkludih allura dan l-ammont imur lil hinn minn €50 miljun, però bħala proġetti infrastrutturali u oħrajn, ma kien hemm l-ebda gvern ieħor li investa fil-Kottonera daqs dan il-Gvern.

Hawnhekk nixtieq nagħmel parentesi żgħira. Illum għandi responsabbiltà differenti, li dieħel għaliha bl-istess impenn bħalma kelli fil-Fondazzjoni Kottonera, li kienet qed tħejji bidu ta' strateġija ta' kif inkomplu ntejbu u nsaħħu l-patrimonju kulturali fil-Kottonera, fost affarijiet oħrajn.

Però ħalli niġi lura direttament fuq dan l-Abbozz ta' Liġi. Huwa hawnhekk fejn forsi ma naqbilx mal-kollega ta' qabli u għandna interpretazzjoni differenti, dwar iċ-ċertezza legali li qed jagħti dan l-Abbozz ta' Liġi. Fl-opinjoni ta' din in-naħa tal-Kamra qed jagħti ċ-ċertezza legali li ħassejna li kellna nagħtu biex dan l-Abbozz ta' Liġi jkun jista' jidħol fis-seħħ.

Aħna m'aħniex Gvern supperv, qatt ma konna u mhux se nkunu issa. Aħna Gvern li jisma', u jien persważ li l-Ministru jikkonsidra kull proposta għal emendi jekk jitressqu 'l quddiem biex ikunu parti minn dan l-Abbozz ta' Liġi. Huwa faċli tgħid li m'għandux iċ-ċertezza legali imma mbagħad trid tagħtini l-opinjoni kif se tasal għal ċertezza legali. Aħna naħsbu li hawn ċertezza legali biżżejjed f'dan l-Abbozz ta' Liġi. Issa jekk hemm opinjonijiet oħrajn, din in-naħa dejjem lesta li tisma'.

Għaliex qed ngħidu li dan l-Abbozz ta' Liġi joħloq ċertezza legali, Sur President? Preżentement f'Malta għandna sitwazzjoni li individwi b'valur nett għoli, dawk li bl-Ingliż nirreferu għalihom bħala 'high net worth individuals' inklużi artisti li jkunu jixtiequ jirrilokaw f'pajjiżna sabiex jikkontribwixxu fl-ekonomija tagħna, isibu diffikultà kbira li jagħmlu dan minħabba r-riġidità tal-liġi tagħna f'dan il-qasam. Għalhekk qed isir dan l-Abbozz ta' Liġi u qed jagħmel tajjeb il-Ministru li jressqu għax minħabba l-biża' li l-artifatti u l-arti tagħhom tkun soġġetta li tista' tittieħed mill-Istat u/jew l-Istat Malti jinibixxi u jipprekludi l-moviment mill-ġdid tal-istess arti u artifatti barra minn Malta, dan kien qed iżomm lil dawn in-nies li għandhom artifatti jew arti milli jġibuhom lejn pajjiżna minħabba tali biża' li rreferejt għaliha u li temerġi mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

Dan hekk kif preżentement fis-seħħ tali individwi jagħżlu li ma jiġux f'pajjiżna u b'hekk pajjiżna jkun qed jitlef opportunità li tali arti u artifatti ta' dawn in-nies ikunu esposti fi xtutna kif ukoll pajjiżna jkun qed jitlef il-kontribut ekonomiku min-naħa tal-istess individwi li, irridu ngħidu, huma individwi ta' ċerta portata, individwi b'valur nett għoli, li għandhom kollezzjonijiet, ċerti artifatti. Issa b'dan l-Abbozz ta' Liġi se jkunu jistgħu jġibuhom Malta liberament mingħajr problemi ta' xejn.

Se ngħid x'qegħdin nipproponu, Sur President. Huwa hawnhekk fejn naħseb li l-Ministru u min ħejja dan l-Abbozz ta' Liġi għamel proposta ta' liġi li hija tajba, liġi li tagħti ċertezza legali, liġi li sserraħ ras dak li jkun li jista' jġib il-beni kulturali li għandu f'pajjiżna mingħajr ma jsofri l-ebda deterrent. Permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi qed jiġi propost li tali sitwazzjoni tiġi riżolta billi individwi b'valur nett għoli li jew ikunu rrilokaw hawnhekk jew ikunu domiċiljati f'pajjiżna u li jkunu jixtiequ jġibu l-beni kulturali tagħhom f'pajjiżna jistgħu jagħmlu dan mingħajr ebda

biża' li tali arti tista' tittieħed mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jew ikun prekluż il-moviment mill-ġdid tal-istess arti barra minn pajjiżna, salv li jiġi segwit il-proċess li jaħseb għalih dan l-Abbozz ta' Liġi. Dan huwa spjegat f'dan l-Abbozz ta' Liġi, li fih żewġ emendi li jistgħu jagħmlu differenza kbira billi nattiraw aktar nies ta' ċerta portata, li għandhom ċerti beni kulturali li llum jistgħu jiġu pajjiżna liberalment u jġibu dawn il-beni kulturali mingħajr problemi żejda.

Min jaqra sew l-emendi 2 u 3 tal-Abbozz ta' Liġi jara li dan se jsir għax b'dawn l-emendi dan l-Abbozz ta' Liġi jagħti lok lis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali sabiex ikun jista' joħroġ ċertifikat li jiggarantixxi li l-Gvern jirrinunzja fir-rigward ta' dawn l-oġġetti għad-dritt ta' preferenza u għad-dritt li tiġi projbita l-esportazzjoni mill-ġdid jew il-moviment tagħhom għal barra minn Malta għal perjodu ta' għaxar snin mid-data taċ-ċertifikat u l-garanzija, liema ċertifikat u garanzija jistgħu jkunu mġedda.

Mela hawn ċertezza legali għax qed jingħata ċertifikat bil-miktub maħruġ mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali Malti, li hija l-Awtorità Maltija li tirregola dan is-settur. Dan iċ-ċertifikat huwa garanzija minnu nnifsu li l-beni kulturali ta' dak li jkun ikunu jistgħu jerġgħu jinħarġu mill-pajjiż u b'hekk ma jkollu l-ebda problemi. Fl-opinjoni tiegħi hemmhekk toħroġ iċ-ċertezza legali. Forsi n-naħa tal-Oppożizzjoni għandhom proposti differenti dwar dan u bla dubju l-Ministru jkun lest li jismagħhom.

Dan id-dritt li wieħed ikollu ċertifikat ta' garanzija li jkun jista' jġib u joħroġ il-beni kulturali tiegħu jista' jiġi attivat min-naħa tal-individwu konċernat billi ssir talba bil-miktub. Jiġifieri hemm kollox bil-miktub, u hawnhekk hija ċ-ċertezza li tkompli tissoda ċ-ċertezza legali, li ssir it-talba bil-miktub mill-individwu li jkollu dawn il-beni kulturali qabel l-importazzjoni jew il-moviment tagħhom lejn Malta, u allura s-Sovrintendenza se tkun informata minn qabel, u qabel il-beni kulturali jiġu Malta, se jkun ħareġ dak iċ-ċertifikat ta' garanzija.

Din l-emenda tipproponi wkoll li l-oġġetti għandhom ikunu eżaminati u reġistrati mis-Sovrintendenza fil-punt tad-dħul f'Malta u, barra minn hekk, l-Abbozz ta' Liġi jimponi anke li l-imsemmija oġġetti kulturali għandhom ikunu akkumpanjati b'evidenza ta' provenjenza fuq it-titlu għall-proprjetà kulturali, li għandhom ikunu deskritti b'mod grafiku u bil-miktub fiċ-ċertifikat u l-garanzija. L-Onor. Buttigieg fid-diskors tagħha qalet li dan kien diġà jeżisti. Li qed jagħmel il-Gvern huwa li qed isaħħaħ dak l-argument u allura qed ikompli jagħti ċ-ċertezza legali. Fl-opinjoni umli tiegħi din iċ-ċertezza legali se toħroġ mill-fatt li għandek ċertifikat ta' garanzija bil-miktub mis-Sovrintendenza. (Interruzzjonijiet) Il-kelliema tal-Oppożizzjoni qed tgħid li din diġà kienet hemmhekk ...

**L-ISPEAKER:** Kompli indirizza lis-Sedja, jekk jogħġbok.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, irreferejt għal dak li qalet. In-naħa tal-Gvern ma taqbilx …

**L-ISPEAKER:** Point of explanation. Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nirringrazzja lill-Onor. Bedingfield. Dik li kien hemm diġà, u għandhom raġun il-kollegi jgħidu li hija xi ħaġa li diġà kien hemm, hija fil-każ ta' moviment jew importazzjoni ta' proprjetà kulturali lejn Malta f'każ li wieħed ikun irid jagħmel esibizzjoni, wirja, donazzjoni jew bejgħ. Aħna li żidna huwa dak li hemm f'paġna C1662 tal-Abbozz ta' Liġi, il-proviso għal subartikolu 54(8), fejn qed ngħidu li għall-ewwel darba dawk il-persuni li se jirrisjedu f'Malta hemm numru ta' regoli ġodda li japplikaw għalihom u jagħmluha possibbli għalihom li jistgħu jġibu l-pittura tagħhom Malta u joħorġuha lura b'ċertifikat li joħroġ wara dak kollu li qal l-Onor. Bedingfield. Jiġifieri huwa veru li kien hemm dak qabel, imma issa se jidħol dan ġdid.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Issa jkollok il-winding up, Ministru. Bil-permess, punt ta' kjarifika. L-Onor. Julie Zahra.

**ONOR. JULIE ZAHRA:** Sur President, li qed jgħid il-Ministru hawnhekk, kif semmejt anke jien fid-diskors tiegħi, huwa dwar l-emenda li qed tiġi proposta u li tittratta persuni li ġejjin Malta. Huwa importanti li niddiskutu dan kollu u nikkjarifikaw kollox meta naslu għall-istadju ta' Kumitat ħalli nkunu ċari.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Onor. Bedingfield, kompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, il-Ministru kien ċar fl-ispjegazzjoni tiegħu, u qal x'inhi l-intenzjoni tal-Gvern. L-intenzjoni tal-Gvern mhijiex li joħloq xkiel lil persuni li jkunu domiċiljati f'Malta jew ikunu temporanjament f'Malta imma li jkollhom … Huwa hawnhekk fejn mhux qegħdin naqblu mad-definizzjoni tal-kliem li hemm fil-liġi, għax naħseb li dak li qed jgħidu l-kollegi huwa differenti minn dak li qal il-Ministru Bonnici, li kien ċar u skjett fl-ispjegazzjoni tiegħu. Naħseb li dan huwa Abbozz ta' Liġi li jagħmel ħafna sens għax jista' jattira nies ġodda lejn pajjiżna.

Sur President, se nagħlaq billi ngħid li jekk in-naħa tal-Oppożizzjoni għandhom xi proposti, iressquhom. M'għandix dubju li l-Ministru se jkun dispost, kif dejjem kien, li jismagħhom u jikkonsidrahom fl-istadju ta' Kumitat. Fl-opinjoni tagħna din hija liġi tajba iżda jekk hemm fejn nistgħu intejbuha, għalfejn le? Ejjew inkomplu ntejbu fuqha u nkomplu nirranġawha għax naħseb li f'dak li għandu x'jaqsam mal-patrimonju u l-beni kulturali ta' pajjiżna m'għandux ikun hemm politiċizzazzjoni għax aħna pajjiż wieħed, u pajjiżna rridu nieħdu ħsiebu. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Nifhem li hawn ftehim li d-diskussjoni tieqaf hawnhekk għal-lum u tkompli għada. Insejjaħ lill-Ministru Owen Bonnici biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

*Fis-6.10 p.m. id-diskussjoni ġiet interrotta u baqgħet aġġornata.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada, it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkmandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet - Tieni Qari; u

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità - Kumitat Permanenti.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Chris Agius.

**ONOR. CHRIS AGIUS:** Sur President, nixtieq nibda dan l-ewwel Aġġornament tas-sena billi nawgura lill-kollegi kollha sena ġdida mimlija ħafna saħħa u paċi u ħafna xogħol għall-ġid ta' dan il-poplu. Nixtieq nieħu wkoll l-okkażjoni biex nawgura lill-kollegi min-naħa tiegħi li huma ġodda fil-Kabinett u allura nawguralhom ħafna xogħol b'risq il-poplu ta' pajjiżna.

Waqt dan il-ħin li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi nixtieq naqsam ftit ħsebijiet, ftit ideat u ftit xewqat li nixtieq nara jseħħu matul din is-sena li għandna quddiemna. Is-soltu nagħmlu riżoluzzjonijiet fil-bidu tas-sena, imma jien nixtieq nagħmel ftit ħsebijiet, ftit xewqat u forsi ftit ħolm dwar x'nixtieq nara jseħħ f'pajjiżna. Fil-ħajja ngħidu li jekk ma toħlomx ma jistax jitwettaq dak li tkun tixtieq.

Lejn l-aħħar tas-sena l-oħra, bħalma ħafna f'pajjiżna mdorrijin jagħmlu, qattajt ftit ġranet barra minn xtutna ma' ħbieb tiegħi ġewwa Edinburgh u Inverness fl-Iskozja u kienu ġranet ta' vaganza b'mod differenti. Is-soltu bħala Maltin imdorrijin immorru vaganza, noqogħdu niġru min post għal ieħor biex inlaħħqu mal-ħin, nagħmlu l-aktar li nistgħu fil-ħin, imma din id-darba għalija u għall-mara kienet vaganza b'differenza għax qattajnieha mal-ħbieb b'mod rilassat u verament kienet vaganza li ħadna pjaċir fiha.

Għalkemm il-post fejn morna, Edinburgh u d-dawra sa Inverness, għandhom xenarju mill-isbaħ, qisu ħiereġ mill-kartolini, u min iħobb in-natura naħseb li għandu jmur iqatta' ftit jiem hemm, imma naħseb li min hu bħali, persuna li nħobb is-sajf u nibża' mix-xitwa, jinduna kemm għandna ħafna affarijiet isbaħ f'pajjiżna. Nerġa' ngħid, għalkemm huwa post mill-isbaħ, għal min bħali jibża' mill-kesħa u mix-xitwa, post bħal dan, dejjem imxarrab, dejjem kiesaħ, li tara post daqshekk sabiħ, ma jegħlibx il-ġmiel tas-sajf. Nerġa' ngħid, huwa post mill-isbaħ, u għal min iħobb dawn l-affarijiet m'għandux jitilfu. Però llum nista' niftaħar ħafna aktar b'pajjiżi. Kulħadd jiftaħar b'rixu, imma kemm għandi niftaħar aktar b'pajjiżi, b'din Malta tagħna u kemm għandna x'noffru u kemm għandna biex niftaħru b'dan il-pajjiż.

Dan iwassalni biex nisħaq, nappella, nittama u noħlom li t-tajjeb kollu li għandna f'dan il-pajjiż intejbu fuqu sabiex pajjiżna nagħmluh aħjar. U se ngħid x'nixtieq nara li jitjieb, b'mod partikolari għalina li ngħixu hawnhekk, iżda anke għan-numru dejjem jiżdied ta' turisti li jonorawna u jżuru pajjiżna. Lil dawn irridu narawhom igawdu pajjiżna, u meta jmorru lura, jagħmlu isem tajjeb lil pajjiżna. Il-Malti jgħid li l-ewwel ma tiekol l-għajn, u allura naħseb li rridu naraw li mill-ajruport, malli turist jinżel l-art, speċjalment saċ-ċentri turistiċi fejn se jkunu qed iqattgħu l-ġranet f'pajjiżna, ikollna dehra li tolqtok u mhux dehra ta' telqa u abbandun. Għad għandna postijiet li żgur ma jixirqux lil dan il-pajjiż li mexa tant 'il quddiem. Għandna postijiet li għad hemm it-telqa fihom u sfortunatament il-kunsill lokali jgħid li mhuwiex ir-responsabbiltà tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar irid ikun il-Gvern ċentrali li jara li dan iseħħ. Irridu naraw li jkollna l-ħarsien u t-tindif.

Qed isir ħafna tindif mid-Dipartiment tat-Tindif, u hawnhekk insellem lill-ħabib tiegħi, is-Sur Ramon Deguara u lit-tim ta' nies li għandu miegħu u nirringrazzjahom tax-xogħol kbir li jagħmlu, li ssibhom f'kull ħin inaddfu. Mhux

hekk biss, imma anke meta jinqala' l-bżonn, bħal meta jgħidulhom, pereżempju, li l-maltemp ħalla warajh tifrik, tkissir u ħerba, tara n-nies ta' Ramon ħerġin fil-maltemp u fil-kesħa, sabiex iħallu pajjiżna aktar nadif. Ma ninsewx li ftit ġranet ilu żaru l-Belt Valletta għexieren ta' eluf ta' persuni sabiex jiċċelebraw tmiem ta' sena u bidu ta' sena oħra, u l-għada filgħodu, grazzi għal dawn in-nies, il-Belt Valletta sebħet pupilla. Hawnhekk insellem lill-kollega tiegħi, li għadu kif kien ħdejja, Bormliż bħali, l-Onor. Glenn Bedingfield, li llum ħa l-ġurament tal-kariga ġdida u se jkun responsabbli minn dan is-settur. Nawguralu ħafna xogħol sabiex lil pajjiżna nkomplu nagħtuh dehra aħjar.

Però, minkejja t-tindif li jsir, minkejja s-servizzi ta' ġbir tal-iskart li għandna, minkejja s-servizz tal-bulky refuse li joffri kull kunsill lokali, f'pajjiżna għad għandna min jiddeċiedi li jagħżel hu xħin irid, u meta jrid, li joħroġ l-iskart! Dan l-aħħar kellna ħafna lmenti minn sindki tal-kunsilli lokali dwar in-nies irresponsabbli li joħorġu wara li jkun diġà nġabar, u jekk illum ikun imiss li tinġabar il-borża s-sewda, joħorġu l-griża, u jekk illum tkun se tinġabar il-borża l-griża, joħorġu s-sewda!

Naħseb li dan qed iwassal biex ikollna żoni li ma jagħmlulniex ġieħ bħala pajjiż. Imxejna tant 'il quddiem imma, kif għedt, l-ewwel ma tiekol l-għajn u għalhekk naħseb li huwa importanti li naraw x'nistgħu nagħmlu billi nżidu d-dixxiplina, inżidu l-viġilanza u naraw ukoll li jkollna servizzi ta' ronda tal-ġbir tal-iskart, u jekk m'aħniex kapaċi, lil min jiżbalja, immissulu l-but, għax il-Malti hekk biss jitgħallem! Irridu naraw li jkollna servizz li jekk dak li jkun ħammeġ, ikollna min joħroġ idur warajh sabiex ikollna pajjiż pupilla kif, wara kollox, jixraqlu dan il-pajjiż. Id-dehra li noffru lil min jiġi fostna kif ukoll lilna li ngħixu fiċ-ċentru tal-irħula tagħna hija importanti għax, kif għedt, l-ewwel ma tiekol l-għajn.

Ftit ilu semmejt ix-xenarju li hemm fl-Iskozja, imma aħna m'għandna xejn inqas. Għedt kemm għandna biex niftaħru f'pajjiżna. Aħna m'għandna xejn inqas għax għandna ħafna rikkezzi f'pajjiżna li sal-lum għadhom moħbija, għadhom mhux skoperti, għadna m'aħniex inbigħuhom biżżejjed, u jistħoqqilhom joħorġu u jiġu mperrċa sabiex kulħadd ikun jaf bihom. Min kien jaf bil-Kottonera sa għaxar snin ilu? Sa għaxar snin ilu, u forsi ftit aktar, ħadd ma kien sema' bihom l-ibliet tal-Kottonera. Illum dawn il-bliet saru fost l-aktar naħat ta' Malta mfittxija.

Għalhekk inħoss li jrid isir hekk f'lokalitajiet oħrajn li għandhom xi ħaġa differenti x'joffru. Bħala xenarju għandna ħafna postijiet, u se nsemmi post wieħed li, minkejja li għext f'pajjiżna minn kemm ili li twelidt, ftit kont naf bih. Qed nirreferi għall-Maqluba fil-Qrendi li, kif għedt, sa ftit snin ilu lanqas jien ma kont naf bih. Dan huwa post mill-isbaħ li, nerġa' ngħid, hawn ħafna Maltin li qatt ma żaruh, aħseb u ara t-turisti. Allura ngħid li għandna ħafna aktar x'noffru u huwa importanti li nħajru l-lokalitajiet biex dak li għandhom sabiħ u rikk fil-lokalità tagħhom, joħorġuh.

Naħseb li t-turiżmu f'ħafna mill-każi huwa marbut ma' postijiet storiċi għax kollha kemm aħna meta nżuru xi lokalità nħobbu nżuru l-mużewijiet, il-monumenti, il-katidrali u l-knejjes. U pajjiżna għandu l-lussu li naħseb għandu knejjes u monumenti f'kull rokna f'kull raħal u belt Maltin. Iżda kemm qed inħajru lit-turisti jżuru knejjes u monumenti f'postijiet storiċi jekk dejjem inħajruhom iżuru dejjem l-istess postijiet? Bix-xieraq li nħajru t-turist iżur il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Katidral tal-Imdina, Sant'Anġlu u postijiet oħrajn, imma naħseb li wasal iż-żmien li nirreklamaw aktar il-ġojjelli li għandna f'pajjiżna.

Sur President, darba konna semmejna, u naħseb anke f'din il-Kamra ssemma kemm-il darba, it-turiżmu marbut mal-postijiet reliġjużi. Naħseb li din tista' tkun niċċa ġdida għal pajjiżna għax, kif għedt, f'pajjiżna għandna knisja għal kull ġurnata, u naħseb li fil-maġġoranza tagħhom għandhom ħafna aktar rikkezzi milli għandhom ċerti katidrali ta' fama internazzjonali, u allura naħseb li din tista' tkun niċċa ġdida li tħajjar turist ġdid. Irridu nesponu lokalitajiet ġodda għat-turist li jżur pajjiżna għax sal-lum, sfortunatament, il-miġja ta' turisti lejn pajjiżna jgawdu minnha biss numru żgħir ta' lokalitajiet.

Ħaġa oħra li nixtieq nara li titjieb f'pajjiżna hija r-rispett fit-toroq. Nerġa' ngħid, qed nitkellem fuq il-vaganza li qattajt ftit tal-ġranet ilu, fejn soqna għal numru ta' sigħat. Hemmhekk tara r-rispett tas-sewwieqa, fosthom lejn is-sinjali tat-traffiku u lejn il-veloċità li suppost iżżomm. Naħseb li dawn l-affarijiet huma neqsin ħafna minn pajjiżna. Meta tkun barra minn xtutna tara d-differenza bejn dak li nagħmlu f'pajjiżna u dak

li jsir f'pajjiżi oħrajn. Għaliex m'għandniex nikkopjaw it-tajjeb ta' pajjiżi oħrajn? Sur President, kultant inħobbu nsemmu xi nuqqasijiet li naraw f'pajjiżna u nitkellmu ħafna fuq il-problema tat-traffiku. Kulħadd jilmenta meta pajjiżna jinqabad daqsxejn bit-traffiku żejjed, imma naħseb li rridu napprezzaw li t-traffiku esaġerat f'ċerti ħinijiet jeżisti fl-ibliet kollha ta' madwar id-dinja u allura m'aħniex uniċi li f'pajjiżna hawn ħafna traffiku. Ovvjament, jekk il-popolazzjoni kibret, jekk l-użu tal-karozza kiber, jekk in-numru ta' karozzi fit-toroq kiber, x'nippretendu?

Ma' dawn irrid inżid in-nuqqas ta' dixxiplina u rispett li għandna fit-toroq, u l-aktar in-nuqqas ta' tagħrif tar-regolamenti tat-traffiku. Jekk aħna nosservaw dak li suppost nagħmlu waqt li qed insuqu, jien konvint li t-traffiku f'pajjiżna jista' jmur ħafna aħjar minkejja n-numru kbir ta' karozzi li għandna. Naħseb li hawn min qed jgħid: "Chris jaf x'inhu jgħid?! Mela Chris ma joħroġx bil-karozza fit-traffiku?!" Se nagħti ftit eżempji ta' x'naħseb li jista' jagħmel differenza għall-aħjar.

Kollha kemm aħna li għandna liċenzja, biex dħalna għall-eżami tat-teorija studjajna dak il-ktejjeb, il-*Highway Code*, li bih titgħallem ir-regoli li għandek issegwi sabiex tkun sewwieq tajjeb. Fost il-ħafna regoli hemm waħda bażika; li inti ssuq fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq, u fejn hemm żewġ karreġġjati, in-naħa ta' barra hija biex taqla' biss. Jiġifieri aħna nsuqu fuq in-naħa ta' ġewwa u n-naħa ta' barra hija biex taqla'; suppost taqla', u terġa' tmur fuq in-naħa ta' ġewwa. Għiduli kemm niltaqgħu ma' każi fejn issib sewwieq fuq il-karreġġjata ta' barra għaddej ċlikki clikki bilkemm jiċċaqlaq, u inti tkun mgħaġġel u tixtieq taqla' karozza u ssib waħda ssuq bil-mod fuq il-karreġġjata ta' ġewwa u oħra ssuq bil-mod fuq il-karreġġjata ta' barra! Naħseb li wasal iż-żmien li nerġgħu nibdew ngħallmu fuq dan anke permezz ta' reklami fuq il-mezzi soċjali u anke fuq it-televiżjoni.

Min mhux żgħir jiftakar li sa ftit snin ilu, meta kont tasal ħdejn roundabout, ma kien iċedilek ħadd u kont trid titlob lill-Bambin sabiex iċedilek xi ħadd sabiex tgħaddi xħin imissek inti! Illum tgħallimna. Għaliex tgħallimna? Niftakar li għamilna kampanja sħiħa dwar min għandu jċedi, dwar min għandu d-dritta meta jasal ma' roundabout. Naħseb li hekk iridu jsiru l-affarijiet. Jekk m'aħniex nitgħallmu, ejjew ngħallmu lin-nies, nagħtuhom ċans jitgħallmu. Jekk imbagħad ma tridx titgħallem, sfortunatament, ikollna ndaħħlu miżuri li permezz tagħhom min mhux qed josserva r-regolamenti tat-traffiku, kif jiġri dejjem, jiġi mħarrek.

Ħaġa oħra li qed toħloq it-traffiku hija meta jkollok numru ta' karreġġjati u jkollok sewwieqa li qegħdin fuq il-karreġġjata ta' ġewwa, imma dawn iridu jduru fuq il-karreġġjata ta' barra, u xħin jaslu jiddeċiedu li jaqilbu erba' karreġġjati! Dan mhux biss qed joħloq konfużjoni fit-traffiku, mhux biss qed iżomm karozzi milli jimxu aktar 'il quddiem u joħloq il-konġestjoni tat-traffiku, imma f'ħafna każi jkollna wkoll inċidenti. Hemmhekk ukoll, irridu nagħmlu ħafna avviżi biex inti tagħżel il-karreġġjata qabel tasal fil-parti fejn trid tmur fid-direzzjoni tiegħek.

Sur President, għalhekk inħobb niftaħar b'pajjiżna; għaliex bi ftit irtokki nistgħu nibqgħu nkunu l-aħjar prodott fl-Ewropa. U l-barrani li jżur pajjiżna jrid jiġi f'pajjiżna jgawdi bl-aqwa mod, anke fejn jidħol traffiku, u meta jmur lura jmur lura jiftaħar kemm sab post sabiħ, post li laqgħu u li kienet vaganza li ħa l-valur tagħha. U naħseb li meta turist imur lura minn vaganza u jitkellem dwar kemm ħa gost huwa l-aqwa reklam li jista' jagħmillek. Se nerġa' nsemmi fejn kont vaganza. F'Edinburgh u Inverness hemm tliet shopping malls mimlijin reklami ta' Visit Malta. Huwa tajjeb li nagħmlu dawn ir-reklami, allaħares ma nagħmluhomx. Inkella kif se jsiru jafu b'pajjiżna? Iżda l-aqwa reklam huwa dak li meta turist jiġi jżur pajjiżek imur lura u jiftaħar kemm ħa pjaċir bil-vaganza li ġie jagħmel f'pajjiżek.

Allura huwa tajjeb li jkollna aktar programmi ta' tagħrif dwar kif għandna nġibu ruħna waqt li nkunu qegħdin insuqu. Ir-regolamenti tat-traffiku ma sarux għalxejn, saru biex dak li jkun isegwi dak li ġie mgħallem biex ikollna aktar dixxiplina fit-toroq. Jien nemmen li dawn iż-żewġ miżuri li semmejt - hemm ħafna oħrajn li nistgħu nagħmlu - jekk neħduhom bis-serjetà żgur jistgħu jtejbu s-sitwazzjoni tat-traffiku.

Ladarba qed insemmi t-trasport, nixtieq infaħħar ftit is-servizz tal-ferry bejn il-Kottonera u l-Belt Valletta u bejn Marsamxett u Tas-Sliema. Fil-fehma tiegħi, dan is-servizz żgur kien wieħed strumentali biex naqqasna ħafna karozzi mit-toroq. Nerġa' ngħid, is-servizz huwa wieħed eċċellenti, iżomm il-ħin, inaqqaslek il-ħin tat-

traġitt u jwasslek fiċ-ċentru tal-Belt Valletta. Dan jitlaq minn Bormla, għandek sitt minuti vjaġġ, titla' bil-lift u ssib ruħek fiċ-ċentru tal-Belt Valletta. Jien li noqgħod viċin nista' ngħid li kemm-il darba għamilt użu minn dan is-servizz biex niġi l-Parlament. Jekk is-seduta tibda fl-4.00 p.m. naqbad il-ferry tat-3.30 p.m. u fl-4.00 p.m. nkun preżenti għall-ftuħ tas-seduta. Kieku niġi bil-karozza minn Bormla żgur li nieħu ħafna iktar ħin. Naħseb li wasal iż-żmien li dan is-servizz possibbilment jiġi estiż għal lokalitajiet oħrajn u forsi nżidu l-ħin li fih jopera. Fil-ħinijiet tax-xitwa dan is-servizz jaħdem sas-7.00 p.m. però naħseb li wasal iż-żmien li fi tmiem il-ġimgħa fix-xitwa l-ħin jitwal ukoll. Jien semmejt li nistgħu nżidu s-servizz għal lokalitajiet oħrajn. Ħalli nsemmi l-Kottonera u d-dawra tal-Port il-Kbir. Il-ferry bħalissa jagħmlu użu minnu ħafna nies mid-dawra ta' dawn it-tlett ibliet, u ċjoè, il-Kalkara, Ħaż-Żabbar u l-Fgura. Però kieku l-ferry jitlaq mill-Marsa għall-Belt, ma niffrankawx numru ta' karozzi oħrajn mit-toroq peress li t-traġitt huwa ħafna iqsar? Naħseb li wasal iż-żmien li nħejju studju bil-possibbiltà li nżidu l-lokalitajiet minn fejn jaħdem.

Sur President, għal dan is-servizz kull filgħodu nara ħafna nies mid-dawra tal-Kottonera, fosthom Ħaż-Żabbar, il-Fgura u Wied il-Għajn. Dawn jiġu bejn is-6.00 a.m. u s-6.30 a.m. biex jipparkjaw u jaqbdu l-ferry u mbagħad jiġu lura xħin jispiċċaw mix-xogħol. Ħafna minnhom jiġu lura mal-ferry tal-5.15 p.m. u oħrajn jiġu lura mal-ferry tas-5.45 p.m. Dan ifisser li l-parkeġġ f'Bormla qed ikun okkupat minn karozzi li jitħallew hemmhekk għal ġurnata sħiħa biex dak li jkun inaqqas it-traffiku mit-toroq u jmur għax-xogħol bil-ferry. Tgħidli: "Imma xi tridhom jagħmlu dawn? Mela l-parkeġġ li hemm fil-Kottonera huwa riżervat għan-nies tal-Kottonera biss?" Le, u għalhekk aħna bħala Gvern ħsibna biex din il-problema tittaffa wkoll. U se ngħid x'se nagħmlu, Sur President. Il-Gvern, permezz ta' Project Green, ħaseb biex fil-ġimgħat li ġejjin jibdew ix-xogħlijiet biex taħt ġnien li se jsir fid-daħla ta' bejn Bormla u l-Isla, isir parkeġġ b'diversi livelli biex min jiġi jagħmel użu mill-ferry ikollu fejn jipparkja u ma jeħux il-parkeġġ tar-residenti. Naħseb li nkomplu nżidu s-servizz tal-ferry se jkun pass importanti, iżda fl-istess ħin irridu naraw li min qed jiġi jipparkja għal ġurnata jsib parkeġġ riżervat għalih il-ġurnata kollha u jista' jħalli l-karozza hemmhekk kemm irid mingħajr ma joħloq inkonvenjent għar-residenti ta' dawk in-naħat. Hawnhekk irrid insellem lill-ħaddiema ta' Project Green u huwa tajjeb li nħarsu 'l quddiem biex ix-xogħlijiet jinbdew mill-aktar fis possibbli.

La qed nitkellem dwar Bormla, il-Kottonera u s-servizz tal-ferry, nixtieq issa nitkellem dwar x'nixtieq nara jseħħ f'Bormla, il-Birgu, l-Isla, il-Kalkara u l-madwar. Jien ngħix hemmhekk u allura b'mod egoistiku se ngħid x'nixtieq nara li jseħħ biex aħna li ngħixu hemmhekk kif ukoll dawk li jżuruna jkollna lokalitajiet aħjar. Se nibda bid-daħla ewlenija tal-Kottonera, il-Mini ta' Għajn Dwieli. Dawk huma d-daħla prinċipali; hawn min isejħilha l-unika daħla għall-Kottonera. Meta bdejt id-diskors tiegħi għedt li l-ewwel ma tiekol l-għajn. Pereżempju, meta tidħol il-Kottonera l-ewwel ħaġa li tara huma l-Mini ta' Għajn Dwieli. Allura bix-xieraq li l-ewwel ħaġa li tgħid meta tkun dieħel f'dawn l-ibliet hija li dieħel f'post li jixraq.

Madwar sentejn ilu beda xogħol fuq it-tisbiħ u l-manutenzjoni ta' dawn il-mini, kif fl-aħħar mill-aħħar sar fuq mini oħrajn, iżda sfortunatament ix-xogħol jidher li waqaf u allura għadna nistennew li x-xogħol imwiegħed fid-daħla prinċipali tal-Kottonera jitlesta. Nappella lill-kollega tiegħi, l-Onor. Chris Bonett, il-Ministru l-ġdid responsabbli mit-trasport – u minn hawnhekk insellem lill-Onor. Aaron Farrugia, li kellna l-opportunità li naħdmu flimkien għal sentejn – biex jidħol fil-każ u jara jekk hemmx xi diffikultajiet li jridu jissolvew ħalli x-xogħol, fl-aħħar mill-aħħar, ikun jista' jitlesta.

Sur President, nixtieq nitkellem ukoll dwar il-proġett tal-Università Amerikana ta' Malta (AUM). Min jinżel in-naħa ta' Bormla jara li l-bidla li saret fuq il-British Building bidlet in-naħa ta' Bormla. Il-ħolma tiegħi hi li jkompli x-xogħol fuq in-Knights Building biex tkompli d-dehra sabiħa, li għalija kienet kruċjali biex bidlet Bormla minn lejl għal nhar. Ħafna minn dak il-bini kien jintuża biex il-Kavallieri jdaħħlu x-xwieni tagħhom. Nittama li issa jitkompla x-xogħol.

La qed nitkellem dwar il-Baċir Nru 1 nixtieq nitkellem ukoll dwar id-dawra tiegħu. Ftit qabel Diċembru niftakar li kont kellimt lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi dwar Baċir Nru 1 u għedtlu li għandu bżonn manutenzjoni. Qed jibki għall-manutenzjoni! Jien persuna li ma niflaħx it-tgergir u jkun hawn min għandu raġun, però jien persuna li nipprova nieħu azzjoni meta nisma' lil

xi ħadd igerger, anke jekk igerger għaliex il-maltemp, ukoll nipprova nara nistax insib soluzzjoni biex dak li jkun ma nisimgħux igerger l-għada.

F'dan il-pajjiż il-Gvern jagħmel proġetti sbieħ li jqumu ħafna flus iżda mbagħad, sfortunatament, aħna traskurati fejn tidħol manutenzjoni u ħarsien ta' proġetti li nkunu wettaqna. Kif diġà għedt, kellimt lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi biex forsi nieħdu ħsieb il-Baċir Nru 1 għaliex kienet ġejja l-Festa tal-Kunċizzjoni. U l-Ministru ħa azzjoni immedjatament u bdew ix-xogħlijiet. L-appell tiegħi issa hu biex dak ix-xogħol li nbeda jkun jista' jitlesta ħalli jkompli jitgawda. Dik illum saret waħda mill-isbaħ dawriet li jgawdu l-Maltin - jien ngħidilhom turisti li jiġu jżuru n-naħat tagħna! - u għalhekk huwa xieraq li dak ix-xogħol li nbeda jkun jista' jitlesta.

Fid-daħla tal-Isla, li hija daħla impekkabbli, sar ħafna xogħol matul dawn l-aħħar sentejn, kif sar ukoll fuq il-Fortizza ta' San Mikiel. Issa nħarsu 'l quddiem biex ix-xogħol jitlesta ħalli d-dehra maestuża tal-Isla tkun lesta. Fil-Birgu wkoll nixtieq li Misraħ ir-Rebħa, li hija l-Pjazza tal-Birgu, tkun lesta biex tkun tista' titgawda mill-ġdid minn ħafna nies li jogħġobhom iżuru l-Birgu kif ukoll – għaliex le?! – minna li ngħixu hemmhekk, in-nies tal-Kottonera li nħobbu nżuru ċ-ċentru tal-Birgu.

Nixtieq nara wkoll il-proġett Tat-Toqba u l-Klabb tar-Regatta lesti biex kulħadd ikun kuntent bix-xogħol li sar. Nixtieq nara lil kulħadd sodisfatt bil-biċċa xogħol li qed igawdi kif ukoll naraw li jkompli għaddej ix-xogħol mad-dawra li twassal sal-Kalkara biex anke l-Pjazza tal-Kalkara tkun tista' titlesta. Sar ħafna xogħol fit-toroq, u issa qegħdin nistennew biex jitkompla x-xogħol ta' siġar, bankijiet u bandli għat-tfal. Inħarsu 'l quddiem biex dawn il-proġetti li qegħdin isebbħu n-naħat tagħna jkunu jistgħu jitlestew.

Sur President, nixtieq nagħmel l-aħħar kumment dwar l-attività li kellna fil-Kottonera lejlet l-Ewwel tas-Sena biex nilqgħu bidu ta' sena ġdida. Din hija attività li saret għat-tieni darba għaliex saret is-sena l-oħra wkoll u ġibdet lejha ħafna aktar nies milli kien hemm is-sena l-oħra. Nixtieq ngħid grazzi u prosit tal-inizjattiva lis-Sindki tal-ibliet tagħna; is-Sur John Boxall, Sindku tal-Birgu, is-Sur Marco Agius - li huwa ħija - Sindku ta' Bormla, is-Sur Clive Pulis, Sindku tal-Isla u s-Sur Wayne Aquilina, Sindku tal-Kalkara.

F'isem in-nies tal-Kottonera ngħidilkom grazzi għaliex urew u taw prova li fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa. Dan ikompli jsaħħaħ dak li dejjem emmint fih matul is-snin li ili nimmilita fil-politika; li flimkien, minkejja d-differenzi żgħar li kultant jistgħu jinħolqu dwar ir-regatta, futbol u festi, nistgħu nkunu għal darb'oħra l-aqwa żona f'Malta. Għalhekk noħlom u nittama li nara aktar attivitajiet organizzati bejn l-erba' kunsilli lokali li jirrappreżentaw il-lokalitajiet tal-Kottonera, fejn ngħix jien. L-appell tiegħi hu biex l-attività grandjuża li organizzaw lejlet l-ewwel tas-sena ma tkunx l-unika attività iżda jsibu ġranet oħrajn ta' festa u flimkien jorganizzaw attivitajiet simili.

Fl-aħħar nett nawgura s-sena t-tajba lil min qed isegwina. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-istess nawgura lilek u lill-kollegi kollha s-sena t-tajba.

Il-Kamra hija aġġornata għal għada, it-Tlieta, 9 ta' Jannar, 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru.

*Fis-6.44 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### MINISTERU GĦALL-AFFRIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – NEFQA FUQ RIGALI

**12054. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** M'hemmx fond speċifiku għar-rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

### DIZZJUNARJU TAL-LINGWA MALTIJA ONLINE

**13182. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11198 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u jgħid jekk hemmx xi pjanijiet li jkun hemm dizzjunarju tal-lingwa Maltija online li jkun jista' jintuża anke fuq il-mezzi tal-midja soċjali?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Fl-14 ta' Diċembru tas-sena 2021 ġie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali biex tiġi kkoreġuta u standardizzata l-verżjoni stampata tad-dizzjunarju ta' Aquilina (pubblikatur: Midsea Books).

Dan ix-xogħol se jkun organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Barra minn hekk, fit-22 ta' Frar 2022 ġiet iffirmata addenda mal-Ministeru għall-Edukazzjoni li offra għajnuna supplimentari biex jiġu ingaġġati żewġ assistenti part-time fuq id-dizzjunarju.

Dan ix-xogħol kollu hemm il-ħsieb li jittella' online 'l quddiem.

### FSWS – SOCIAL WORKERS U SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS

**13183. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11207 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5795, fejn il-Ministru jagħti x'jifhem li l-job descriptions tas-social workers u l-job descriptions tas-social welfare professionals huma l-istess mal-entitatjiet kollha fejn jaħdmu s-social workers u s-social welfare professionals fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), jista' l-Ministru jikkonferma li hemm tip wieħed ta' job description kemm għas-social workers u kemm għas-social welfare professionals fi ħdan l-FSWS? Jekk hemm job descriptions ta' social workers u social welfare professionals differenti ta' units differenti, jista' l-Ministru jqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

### FSWS – SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS

**13184. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11208 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9368, fejn intqal li hemm madwar 120 social welfare professional, jista' l-Ministru jgħid f'liema units tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) jaħdmu s-social welfare professionals? Jista' jgħid ukoll kemm hemm social welfare professionals f'kull unit u kemm-il każ hemm assenjat fuqhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**FSWS – SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS - KAŻI ASSENJATI**

**13185. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11209 u jgħid kemm hemm każi assenjati fuq kull social welfare professional li jaħdem mal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

**ONOR. MICHAEL FALZONI** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**CDAU – TFAL LI JIRĊIEVU SERVIZZ**

**13444. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4204 u 7485, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li bħalissa qed jużaw is-servizzi taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**CDAU – STENNIJA GĦAL APPUNTAMENT**

**13445. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'lista ta' stennija hemm għas-servizzi taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) u kemm qed ikun 'il bogħod l-ewwel appuntament? Peress li kien hemm ilmenti li tfal qed ikollhom jistennew il-ġimgħat bejn appuntament u ieħor, jista' jgħid x'inhu jagħmel il-Ministeru biex jindirizza din il-problema?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA: POSITION OF TRUST – SALARJI**

**13559. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13242, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX: POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13560. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13241, fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20989, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI: POSITION OF TRUST - SALARJI**

**13561. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13240, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li

jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT: POSITION OF TRUST - SALARJI**

**13562. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13239, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, tista' l-Ministru tagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtha għas-sena 2022?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI: POSITION OF TRUST - SALARJI**

**13563. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13238, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - POSITIONS OF TRUST - SALARJI**

**13564. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13237, fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20994 tat-13-il Leġiżlatura, liema tweġibiet ma jwiġbux dak li ġie mistoqsi, jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IX-XAGĦRA GĦAWDEX: TRIQ GĦAJN ĦOSNA – MANUTENZJONI, RESTAWR U BINI TA' ĦITAN TAS-SEJJIEĦ**

**13617. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5986, jista' l-Ministru jgħid x'fadal isir u x'inhu l-andament tax-xogħol ta' manutenzjoni, restawr u bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Għajn Ħosna, fix-Xagħra Għawdex li twassal sal-wied tal-Bajja tar-Ramla l-Ħamra, li jinkludu wkoll Triq ir-Ramla, Triq ta' Xurdin, Triq l-Inżul tal-Franċiżi, Triq ir-Ramla l-Ħamra sad-Daħla ta' Għajn Damma u r-restawr u tindif ta' 250 metru ta' taraġ Ruman fil-Wied tar-Ramla li hu ffinanzjat minn fondi Ewropej?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**IX-XAGĦRA GĦAWDEX: TRIQ TA' KARKAR - XOGĦLIJIET**

**13618. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jindika bejn wieħed u ieħor meta se

jibda x-xogħol ta' bini u rikostruzzjoni tat-Triq ta' Karkar fix-Xagħra Għawdex, peress li f'dawn l-aħħar disa' snin sar ħafna bini fiha u din it-triq hi bla wiċċ u tinsab fi stat ħażin ħafna, peress illi din it-triq taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Ministeru għal Għawdex?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## RABAT, GĦAWDEX - SKOLA ĠDIDA PRIMARJA U L-ESTENSJONI TAL-MIDDLE SCHOOL

**13619. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti fuq xogħlijiet ta' eskavazzjoni u kostruzzjoni fuq l-iskola ġdida primarja u l-estensjoni tal-Middle School fir-Rabat, Għawdex, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll lil min sar kull pagament u kemm kien?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## GĦAWDEX – XOGĦOL IPPJANAT FL-ISKEJJEL

**13620. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: *In vista* ta' fuljett li kien intbagħat fid-djar kollha ta' Għawdex dwar xogħol ippjanat fi skejjel f'Għawdex, jista' l-Ministru jgħid matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm kienet in-nefqa:

a. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja ta' Kerċem;
b. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ;
ċ. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja tal-Għarb;
d. fuq it-tisbiħ ta' diversi faċċati ta' diversi skejjel f'Għawdex;

u f'kull każ, jagħti data meta se jkun lest ix-xogħol?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## ĦADDIEMA GĦAWDXIN LI JAĦDMU F'MALTA

**13621. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm u kemm hemm jaħdmu preżentement ħaddiema Għawdxin ġewwa Malta f'dipartimenti, awtoritajiet, aġenziji u entitajiet governattivi? Jista' jgħid ukoll ma' liema entità qed jaħdmu dawn il-ħaddiema preżentement u xi grad huma?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** It-tagħrif mitlub rigward il-ħaddiema li jidher li għandhom indirizz fuq Għawdex huwa kif ġej:

| Sena | Servizz Pubbliku | Awtoritajiet, Aġenziji u Entitajiet Governattivi li huma fid-dekasteru tal-Prim Ministru |
|---|---|---|
| 2023 | 1,500 | 10 |

## DIPARTIMENT TAL-ANIMAL WELFARE - SPEZZJONIJIET

**13622. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mid-Dipartiment tal-Animal Welfare fil-gżira ta' Għawdex matul is-sena 2023 u kemm ittieħdu passi legali fuq trattament mhux xieraq ta' annimali fl-istess perjodu fil-gżira ta' Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm-il sid ġie mwiddeb mingħajr ma ttieħdu passi u kemm minnhom tressqu l-Qorti? Jista' wkoll jagħti breakdown sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Matul is-sena 2023 saru 33 spezzjoni u kien hemm żewġ sidien li ġew mogħtija multa amministrattiva u erba' każijiet li se jitressqu l-Qorti mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali ġewwa l-gżira ta' Għawdex. Ma kien

hemm l-ebda każ ta’ sid li ġie mwiddeb għaliex ttieħdu l-passi legali propizji.

### MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIRECT ORDERS

**13837. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-contracting authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta’ sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

### MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS

**13838. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-contracting authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta’ sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

### MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DIRECT ORDERS

**13839. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta’ avviż ta’ din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn, 15 ta’ Jannar 2024.*

### MINISTRU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIRECT ORDERS

**13840. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tagħha fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament tgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta’ avviż ta’ din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn, 15 ta’ Jannar 2024.*

### MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRECT ORDERS

**13841. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru

2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – DIRECT ORDERS**

**13842. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**RESTAWR TA' KOTBA**

**14150. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13949 u jipprovdi lista bit-titoli tal-kotba li ġew restawrati fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni rigward restawr ta' kotba minn entitajiet fi ħdan il-Ministeru tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14165. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13579 u 13945 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninformah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Qormi) |
|---|---|
| 2013 | 155 |
| 2014 | 183 |
| 2015 | 194 |
| 2016 | 207 |
| 2017 | 218 |

**ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14166. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13580 u 13946 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninformah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Ħal Luqa) |
|---|---|
| 2013 | 114 |
| 2014 | 126 |
| 2015 | 127 |
| 2016 | 135 |
| 2017 | 148 |

## IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**14167. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13581 u 13947 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti s-Siġġiewi, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninformah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Siġġiewi) |
|---|---|
| 2013 | 473 |
| 2014 | 503 |
| 2015 | 522 |
| 2016 | 558 |
| 2017 | 590 |

## ĦAL KIRKOP - RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**14168. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13582 u 13948 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Kirkop, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninfurmah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Ħal Kirkop) |
|---|---|
| 2013 | 52 |
| 2014 | 64 |
| 2015 | 70 |
| 2016 | 73 |
| 2017 | 75 |

## SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – PERSUNI LI NTGĦAŻLU BIL-POLZA

**14230. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għall-aħħar Skema 'Irrestawra Darek', jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li ġew approvati, wara li telgħet ix-xorti (telgħet il-polza) u jgħid ukoll minn liema lokalitajiet kienu dawk li ntgħażlu, lokalità, lokalità?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI - ARRETRATI

**14231. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817, 3157, 3718, 4254, 13856, 13956 u 14142 u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## INDIS MALTA LTD - ALLOKAZZJONI TA' ART LILL-AQUACULTURE RESOURCES LTD

**14232. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14075 u jikkonferma jekk hux se tiġi allokata, jew ġietx allokata, iżjed art mill-INDIS Malta Ltd. lill-Aquaculture Resources Ltd għall-espansjoni tal-operat tagħhom? Jekk iva, jista' jagħti rendikont tal-proċess li wassal għal dan?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż*

*ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MALTA PUBLIC TRANSPORT – KAROZZI TAL-LINJA**

**14233. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-workings ta' kif il-Malta Public Transport (MPT) naqqset l-emissjonijiet tagħha b'70% bl-introduzzjoni ta' 30 karozza tal-linja elettrika? Jista' jgħid ukoll kemm-il karozza għandha l-MPT?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**IL-GUDJA: TRIQ SAN MARK - XOGĦLIJIET**

**14240. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 12979 u 13536, jista' l-Ministru jikkonsidra li x-xogħlijiet ta' bini mill-ġdid tal-bankini u t-triq li se jsiru f'parti minn Triq San Mark jitkomplew fit-tul ta' Triq San Mark kollha, u jekk hemm bżonn anke tibdil tal-mains, hekk kif fiż-żona din se tkun l-unika parti fejn hemm kondizzjonijiet ħżiena ħafna tat-triq u tal-bankini, li issa ġew agħar wara t-tħaffir ta' kanali biex ġew mgħoddija cables ġodda tad-dawl?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**KONVENJI GĦALL-BEJGĦ/XIRI TA' PROPRJETÀ**

**14241. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' konvenji għall-bejgħ/xiri ta' proprjetà li ġew iffirmati matul is-sena 2023, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kif jitqabbel dan in-numru man-numru tas-snin 2021 u 2022 u kemm minn dawn il-konvenji fil-fatt kienu tiġdid/estensjoni ta' konvenji li kienu diġà ffirmati qabel?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** L-informazzjoni dwar in-numru ta' konvenji għall-bejgħ/xiri ta' proprjetà li ġew iffirmati matul is-sena 2023, maqsuma xahar b'xahar tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Qed tingħata l-istess informazzjoni għas-snin 2021 u 2022.

Ngħarraf ukoll lill-Onor. Interpellant li fuq dawn l-istess konvenji kien hemm dan in-numru ta' tiġdid/estensjoni:

| Sena | | Ammont |
|---|---|---|
| 2021 | | 19,846 |
| 2022 | | 11,375 |
| 2023 | | 3,736 |

**PERSUNI MHUX MALTIN REĠISTRATI LI QED JAĦDMU MALTA**

**14242. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni mhux Maltin, li kienu reġistrati bħala li qed jaħdmu hawn Malta matul is-sena 2023, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi kienu ġejjin dawn il-ħaddiema u jaqsam din l-informazzjoni pajjiż pajjiż, kemm għal dawk li ġejjin minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja, kif ukoll in-numru li ġejjin minn pajjiżi terzi?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**PERSUNI MHUX MALTIN LI NGĦATAW IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA**

**14243. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni mhux Maltin li ngħataw iċ-ċittadinanza Maltija matul is-sena 2023 maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll

kif kienu maqsuma dawn iċ-ċittadinanzi ġodda bejn ċittadini naturali, persuni li xtraw iċ-ċittadinanza Maltija, dawk li ngħataw iċ-ċittadinanza abbażi tal-mertu jew għal xi raġuni oħra, matul is-sena 2023, maqsuma xahar b'xahar u liema kienet iċ-ċittadinanza ta' dawn il-persuni qabel ħadu dik Maltija, pajjiż, pajjiż?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Skont l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188), persuni, ovvjament dawn ma jkunux Maltin għaliex kieku m'għandhomx għalfejn japplikaw biex isiru Maltin, jistgħu jakkwistaw iċ-ċittadinanza Maltija wara li ssir l-applikazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. F'dan ir-rigward nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella murija hawn taħt li turi n-numru ta' persuni li akkwistaw iċ-ċittadinanza, matul il-perjodu mitlub mill-Onor. Interpellant.

| | |
|---|---|
| Jannar | 266 |
| Frar | 214 |
| Marzu | 298 |
| April | 243 |
| Mejju | 275 |
| Ġunju | 170 |
| Lulju | 157 |
| Awwissu | 219 |
| Settembru | 121 |
| Ottubru | 206 |
| Novembru | 252 |
| Diċembru | 90 |
| **Total** | 2511 |

**KUMITATI TAL-BANDA - KAŻINI - KUNTRATTI TA' KIRI**

**14244. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt/i tal-kiri li saru ma' kumitati tal-banda wara li l-każin tas-soċjetà rispettiva nxtara mill-Gvern?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 7765, b'dana li l-ammont ta' proprjetajiet li l-Kunsill Malti għall-Arti daħal f'konvenju dwarhom żdied skont kif ġie spjegat diġà pubblikament u li s-sede tas-Soċjetà de Paule ġiet akkwistata definittivament, kif għal darb'oħra ġie spjegat pubblikament.

**KUNTRATTI GĦALL-BEJGĦ/XIRI TA' PROPRJETÀ**

**14245. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' kuntratti għall-bejgħ/xiri ta' proprjetà li ġew iffirmati matul is-sena 2023, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kif jitqabbel dan in-numru man-numru tas-snin 2021 u 2022 u kemm minn dawn il-kuntratti fil-fatt kienu tiġdid/estensjoni ta' kuntratti li kienu diġà ffirmati qabel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti ma jiġux estiżi.

**IL-FGURA: SKOLA PRIMARJA A U B - KOPJI TAD-DOKUMENTI TAL-OFFERTI**

**14248. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13966 fl-intier tagħha u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull dokument tal-offerta, kemm jekk tender u anke jekk kwotazzjoni, li ġew ippubblikati f'dawn l-aħħar għaxar snin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**SKOLA PRIMARJA FGURA – PALK TAS-SALA PRINĊIPALI**

**14249. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13968 u jikkonferma li l-palk tas-Sala tal-Iskola Primarja A/B tal-Fgura huwa sigur (safe) sabiex jintuża skont il-bżonn tal-iskola? Jista' jgħid ukoll x'manutenzjoni saret fuq dan il-palk f'dawn l-aħħar għaxar snin u jipprovdi ċertifikazzjoni riċenti mingħand persuna awtorizzata u kompetenti fejn jiddikjara li dan il-palk huwa sigur (safe) sabiex jintuża u jitilgħu fuqu t-tfal?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** F'dawn l-aħħar għaxar snin, bħas-snin kollha ta' qabel, saru l-manutenzjonijiet neċessarji fiż-żewġ skejjel primarji tal-Fgura.

**SKOLA PRIMARJA TAL-FGURA - ATTENDENZA GĦALL-BREAKFAST CLUB**

**14250. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13969 u jgħid kemm studenti jattendu kuljum għall-Breakfast Club fl-iskejjel A/B tal-Fgura?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Għal din is-sena skolastika s'issa hemm total ta' 361 student li rreġistraw għall-Breakfast Club fl-iskejjel imsemmija.

**SKOLA PRIMARJA TAL-FGURA - FAĊILITAJIET GĦALL-BREAKFAST CLUB**

**14251. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13970 u jgħid x'faċilitajiet hemm fl-Iskola Primarja A/B tal-Fgura bħal kċina u faċilitajiet oħrajn relattivi għal dawk l-istudenti li jattendu l-Breakfast Club? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex minnu li dawn l-istudenti, peress li m'għandhomx fejn jieklu, qed jittieħdu jieklu fil-Gym tal-Iskola?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fl-iskejjel imsemmija s-servizz tal-Breakfast Club huwa fuq sistema ta' 'grab and go'. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li flimkien mal-edukaturi, l-istudenti jmorru fi klassijiet apposta sabiex jieklu kif ukoll jieħdu sehem f'logħob interattiv jew f'attivitajiet oħra sakemm isir il-ħin li tibda l-iskola.

**KALKARA - TELEPHONE BOX FIX-XATT**

**14252. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-telephone box ta' żmien l-Ingliżi li kien hemm fix-Xatt tal-Kalkara hijiex se terġa' teħel fil-post fejn kienet jew fil-viċinanzi? *Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**IL-KALKARA - TELEPHONE BOX FIX-XATT**

**14253. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk minn meta nqagħlet it-telephone box ta' żmien l-Ingliżi sal-lum sarx xi restawr jew xogħlijiet oħrajn fuq din il-booth? Jekk iva, x'tip ta xogħol sar u, jekk le, hemmx ippjanat li jsir xi tip ta' restawr fuqha?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**HOME SCHOOLING - APPLIKAZZJONIJIET**

**14265. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ġenituri li applikaw biex jagħmlu home schooling lil uliedhom jew biex uliedhom ikollhom homeschooling f'Malta u f'Għawdex minn meta ġiet introdotta din il-liġi fl-2021? Jista' jgħid kemm minnhom huma Maltin u kemm minnhom huma barranin? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawk li applikaw biex jgħallmu lil uliedhom huma stess, huma Maltin, kemm huma barranin u kemm kienet l-età tat-tfal?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Minn mindu infetħu l-applikazzjonijiet għal Home Education, il-Ministeru rċieva applikazzjoni waħda biss.

**HYDROCARBONS - NEFQA**

**14267. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefqet Malta fuq hydrocarbons (fossil fuels, inkluż gass

naturali, LPG, petrol, diesel, aviation fuel, eċċ.), kull sena għas-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u fl-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jagħti l-informazzjoni kemm bħala nefqa mill-privat u kemm bħala nefqa minn fondi pubbliċi?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13017.

**SIT FEJN KIEN HEMM IL-MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14268. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit fejn kien hemm il-Malta Shipbuilding jiġi ppreparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SIT FEJN KIEN HEMM IL-MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14269. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit fejn kien hemm il-Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 13729.

**SIT FEJN KIEN HEMM IL-MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14270. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit fejn kien hemm il-Malta Shipbuilding jiġi ppreparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

**TAS-SLIEMA, TRIQ IT-TORRI – TAPPIERA**

**14286. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Peress illi t-tappiera li tinsab quddiem il-proprjetajiet 145 u 146 fi Triq it-Torri, Tas-Sliema tagħmel storbju kbir kull darba li karozza ssuq minn fuqha li qed jikkawża inkonvenjent kbir lir-residenti tal-proprjetajiet fil-qrib u peress illi t-triq madwar din it-tappiera hija bil-ħsara u xi ħadd ipprova jsewwi dan bi strixxi tal-gomma li issa qed jinqalgħu, kif jidher mir-ritratt mehmuż, jista' l-Ministru jispjega għaliex din it-tappiera ma ġietx imsewwija kif suppost u jgħid meta se tiġi rranġata, biex b'mod immedjat jieqaf l-inkonvenjent kbir li qed isir lir-residenti taż-żona?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - ATTENDENZA TAX-XOGĦOL U/JEW TIMESHEETS**

**14287. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets relatati mal-persuni

kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu bejn l-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeri kkonċernati.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - VACATION LEAVE**

**14288. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu bejn l-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeri kkonċernati.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - SICK LEAVE**

**14289. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra sick leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu bejn l-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeri kkonċernati.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - SPECIAL LEAVE**

**14290. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu bejn l-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeri kkonċernati.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - WORK FROM HOME U/JEW TELEWORK U/JEW REMOTE WORKING**

**14291. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working requests relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu bejn l-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeri kkonċernati.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - WORK FROM HOME U/JEW TELEWORK U/JEW REMOTE WORKING**

**14292. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba? Jista' jqiegħed ukoll ir-

raġunijiet għal dawn l-approvals għall-perjodu bejn l-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeri kkonċernati.

## KUNSILLI LOKALI – DOG PARKS U CAT CAFÉS

**14299. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm hawn dog parks u cat cafés li kienu proġetti li saru minn kunsilli lokali differenti kemm f'Malta u kemm f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll meta saru u kemm ġew jiswew?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni qiegħda tinġabar u se tingħata f'seduta oħra.

## DOG PARKS U CAT CAFÉS

**14300. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm hawn dog parks u cat cafés differenti f'Malta u f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll meta saru u kemm ġew jiswew?

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-Ministeru li jien responsabbli m'għandux informazzjoni ta' kemm hawn dog parks u cat cafes differentti f'Malta u Għawdex.

## BDIEWA REĠISTRATI

**14302. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13573, 13916 u 14125 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninfurmah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers |
|---|---|
| 2018 | 9,656 |
| 2019 | 10,214 |
| 2020 | 11,008 |
| 2021 | 12,008 |
| 2022 | 12,781 |
| 2023 | 13,459 |

## ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA

**14303. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13574, 13917 u 14126 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninfurmah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Qormi) |
|---|---|
| 2018 | 217 |
| 2019 | 235 |
| 2020 | 242 |
| 2021 | 269 |
| 2022 | 301 |
| 2023 | 324 |

## BIRKIRKARA: TA' PARIS – XOGĦLIJIET FUQ TOROQ

**14371. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14213, jista' l-Ministru jgħid jekk it-toroq fl-inħawi Ta' Paris f'Birkirkara li bħalissa qed isiru xi xogħlijiet fihom, hux se jkunu asfaltati kompletament ladarba dawn jitlestew?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż*

*ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**BIRKIRKARA: TA' PARIS – XOGĦLIJIET FUQ TOROQ**

**14372. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema huma t-toroq ġewwa Ta' Paris f'Birkirkara li fihom qed isir ix-xogħol bħalissa? Tista' tgħid ukoll kemm se jdum biex ix-xogħol ikun komplut u jekk għandhiex informazzjoni dwar jekk it-toroq hux se jkunu asfaltati mill-ġdid ladarba jitlesta x-xogħol?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MATSEC – ANSWER SHEET**

**14373. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma s-suġġetti li għalihom il-Matsec tipprovdi answer sheet dettaljata fil-livell ta' 'O' Level, Intermediate u 'A' Level tal-karti passati u, jekk le, jista' jgħid x'inhi r-raġuni għaliex dan ma jsirx?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika x'qed ifisser bil-kliem 'answer sheet'.

**MATSEC - RECORDINGS TAL-LISTENING COMPREHENSION**

**14374. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ir-recordings tal-listening comprehension tal-eżamijiet tal-MATSEC mhumiex aċċessibbli fuq is-sit bħalma jkunu aċċessibbli l-komponenti l-oħrajn kollha tal-karti?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Wara kull sessjoni tal-eżamijiet, il-Bord tal-MATSEC jippubblika l-karti ta' dik is-sessjoni fuq is-sit tiegħu. Għalkemm ir-reġistrazzjoni tal-eżami tas-smigħ ma tiġix imtellgħa, it-traskrizzjoni tat-test tiġi mtellgħa fuq is-sit. Għaldaqstant, dan il-komponent huwa aċċessibbli bħall-komponenti l-oħra.

**SKEJJEL STATALI: SENA SKOLASTIKA 2023-2024 - RIŻENJI TA' EDUKATURI FIL-LIVELL PRIMARJU**

**14375. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm edukaturi fil-grad ta' għalliema fil-livell primarju fl-iskejjel statali li rriżenjaw matul l-ewwel term skolastiku tas-sena 2023-2024?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fil-livell primarju, fl-iskejjel statali, kien hemm total ta' sitt edukaturi li rriżenjaw matul l-ewwel term skolastiku 2023/2024. Fil-livell primarju fl-iskejjel statali, għal kull edukatur li rriżenja ġie ingaġġat edukatur ieħor.

**SKEJJEL STATALI: SENA SKOLASTIKA 2023-2024 – RIŻENJI TA' EDUKATURI FIL-LIVELL SEKONDARJU**

**14376. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm edukaturi fil-grad ta' għalliema fil-livell medju/sekondarju fl-iskejjel statali li rriżenjaw matul l-ewwel term skolastiku tas-sena 2023-2024?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fil-livell medju/sekondarju, fl-iskejjel statali, kien hemm total ta' seba' edukaturi li rriżenjaw matul l-ewwel term skolastiku tas-sena 2023/2024. Għal kull edukatur li rriżenja ġie ingaġġat edukatur ieħor, għajr edukatur wieħed li mistenni jiġi ingaġġat fil-ġranet li ġejjin.

**GĦAJNSIELEM: ĊENTRU SAN APOLLONA – FAKULTÀ TAD-DENTISTRIJA – NEFQA FUQ KLINIKA**

**14381. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-

Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9993 u jgħid kemm ġiet tiswa sabiex ssir il-klinika dentali tal-Fakultà tad-Dentistrija ġewwa ċ-Ċentru San Apollona f'Għajnsielem? Jista' jgħid kemm ra pazjenti dan iċ-Ċentru minn meta tlesta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-Università ta' Malta investiet €2,007,358 fiċ-ċentru msemmi. S'issa n-numru ta' pazjenti li rċevew is-servizz fiċ-Ċentru msemmi kien ta' 780.

**AFM: ŻONA SAR - OPERAZZJONIJIET TA' SALVATAĠĠ FIS-SENA 2023**

**14382. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il operazzjoni ta' salvataġġ ta' immigranti għamlet l-Armata matul is-sena 2023 fis-SAR ta' pajjiżna?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-2023 ġew salvati 380 immigrant irregolari filwaqt li ġew irritornati lejn pajjiżhom 315 immigrant irregolari. Fl-istess perjodu wkoll ġew rilokati 159 immigrant irregolari lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-riżultati jfissru li fl-2023 kien hemm aktar immigranti irregolari li telqu minn Malta milli waslu ġewwa pajjiżna.

Ma' dawn kien hemm ukoll 1,391 ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra li nstabu jgħixu Malta irregolarment u ġew irritornati lejn il-pajjiż tal-oriġinu tagħhom jew xi pajjiż ieħor fejn huma awtoriżżati li joqogħdu.

Din il-ħidma ma bdietx fl-2023 u saret għaliex il-Gvern ma kienx kuntent bl-i*status quo* fuq l-immigrazzjoni Irregolari. Għalhekk ittieħdu numru ta' deċiżjonijiet, inkluż bidliet leġiżlattivi, sabiex is-sistema tal-immigrazzjoni Irregolari tkun waħda aktar soda u ġusta, kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Ħdimna mill-qrib ma' pajjiżi oħra, pajjiżi ta' oriġini, kif ukoll pajjiżi ta' tranżitu, sabiex naqqasna l-wasliet irregolari u jintilfu inqas ħajjiet fuq il-baħar.

Għamilna tibdil sabiex ikollna sistema ġusta ma' min ħaqqu protezzjoni iżda iebsa ma' min ma jkollux dritt joqgħod ġewwa pajjiżna. Dan kien possibbli permezz ta' bidliet leġiżlattivi, investiment fil-proċess tal-ażil, partikolarment bil-ħolqien tal-International Protection Agency u t-tnaqqis fl-ammont ta' applikazzjonijiet pendenti.

Twaqqaf ukoll Returns Unit fi ħdan il-Ministeru sabiex jiffoka fuq ir-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini ta' dawk il-persuni li ma jkunux jeħtieġu protezzjoni f'pajjiżna.

Fl-istess waqt sar xogħol estensiv fiċ-ċentri tal-immigranti, kemm dawk magħluqa u kemm dawk miftuħa, mingħajr ma poġġejna piż fuq il-komunitajiet tal-madwar kif kien ġara fi żminijiet imgħoddija.

**ARMATA - IMMIGRANTI**

**14383. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew salvati immigranti mill-Armata matul is-sena 2023 u fejn jinsabu dawn l-immigranti llum?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-2023 ġew salvati 380 immigrant irregolari filwaqt li ġew irritornati lejn pajjiżhom 315 immigrant irregolari. Fl-istess perjodu wkoll ġew rilokati 159 immigrant irregolari lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-riżultati jfissru li fl-2023 kien hemm aktar immigranti irregolari li telqu minn Malta milli waslu ġewwa pajjiżna.

Ma' dawn kien hemm ukoll 1,391 ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra li nstabu jgħixu Malta irregolarment u ġew irritornati lejn il-pajjiż tal-oriġinu tagħhom jew xi pajjiż ieħor fejn huma awtorizzati li joqogħdu.

Din il-ħidma ma bdietx fl-2023 u saret għaliex il-Gvern ma kienx kuntent bl-istatus quo fuq l-immigrazzjoni Irregolari. Għalhekk ittieħdu numru ta' deċiżjonijiet, inkluż bidliet leġiżlattivi, sabiex is-sistema tal-immigrazzjoni irregolari tkun waħda aktar soda u ġusta, kemm lokalment u kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Ħdimna mill-qrib ma' pajjiżi oħra, pajjiżi ta' oriġini u kif ukoll pajjiżi ta' tranżitu, sabiex naqqasna l-wasliet irregolari u jintilfu anqas ħajjiet fuq il-baħar.

Għamilna tibdil sabiex ikollna sistema ġusta ma' min ħaqqu protezzjoni iżda iebsa ma' min ma jkollux dritt joqgħod ġewwa pajjiżna. Dan kien possibbli permezz ta' bidliet leġiżlattivi, investiment fil-proċess tal-ażil, partikolarment bil-ħolqien tal-International Protection Agency u t-tnaqqis fl-ammont ta' applikazzjonijiet pendenti.

Twaqqaf ukoll Returns Unit fi ħdan il-Ministeru sabiex jiffoka fuq ir-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini ta' dawk il-persuni li ma jkunux jeħtieġu protezzjoni f'pajjiżna.

Fl-istess waqt sar xogħol estensiv fiċ-ċentri tal-immigranti, kemm dawk magħluqa u kemm dawk miftuħa, mingħajr ma poġġejna piż fuq il-komunitajiet tal-madwar kif kien ġara fi żminijiet imgħoddija.

## BASTIMENT P71 - SPIŻA GĦAX XIRI TAD-DIESEL GĦALL-GENERATOR

**14384. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet l-ispiża għax-xiri tad-diesel tal-generator li qed jintuża għall-bastiment P71 għas-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Forzi Armati ta' Malta għaddejja bil-proċess biex tkun stallata shore to ship permezz ta' substation, u li din għandha titlesta fi ftit ġimgħat oħra. Fejn irriżulta dewmien mill-kuntrattur, il-FAM waħħlitu l-penali. L-ispiża ta' diesel li ntnefqet matul is-sena 2023 kienet ta' €262,909.34. Dan l-ammont huwa simili għal dak li se jkun jintnefaq bl-introduzzjoni tax-shore to ship. Shore to ship se jkun aktar sostenibbli b'inqas tniġġis.

## INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU FL-2023

**14385. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku fis-sena 2023 li fihom weġġgħu n-nies? Kemm minn dawn l-inċidenti kellhom konsegwenzi fatali?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** In-numru ta' inċidenti tat-traffiku li seħħew fis-sena 2023 u li fihom weġġgħu n-nies kien ta' 1,389. Dan l-ammont jinkludi kemm ġrieħi ħfief u anke ġrieħi serji. Minn dawn kien hemm 13 inċident fatali li fihom kien hemm 14-il vittma.

## INĊIDENTI FUQ POSTIJIET TAX-XOGĦOL U SITI TA'KOSTRUZZJONI

**14386. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti fuq il-postijiet tax-xogħol/siti ta' kostruzzjoni matul is-sena 2023? Kemm minn dawn l-inċidenti kellhom konsegwenzi fatali?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## SPORTMALTA - LAQGĦA DWAR PROPOSTA

**14387. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl li fil-laqgħa li saret fit-12 ta' Awwissu 2023 bejn l-Assoċjazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta u l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ukoll, fejn intalab li tiġi ppreżentata proposta (li qed tintbagħat separatament), jista' l-Ministru jispjega għaliex għadha ma ngħatatx tweġiba fuq din il-proposta (li ġiet preżentata fil-15 ta' Ottubru 2023), jekk din hux qed tiġi kkonsidrata u jekk hux se tingħata soluzzjoni immedjata għall-fatt li m'għandhomx faċilitajiet fejn jistgħu jipprattikaw l-isport tagħhom wara l-għeluq għar-rinnovament tal-post li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-Ministeru u SportMalta jiltaqgħu b'mod regolari ma' numru ta' assoċjazzjonijiet li jressqu 'l quddiem proposti li jvarjaw fin-natura tagħhom, b'uħud li jistgħu jsiru b'mod immedjat u oħrajn li jieħdu ż-żmien biex isiru.

SportMalta qiegħda f'kuntatt kontinwu mal-Federazzjoni biex f'dan il-mument tassistihom f'dak li huwa possibbli f'dan iż-żmien partikolari.

**SAĦĦA MENTALI - ASSISTENZA LILL-EDUKATURI U STAFF**

**14401. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' skejjel primarji u sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti li qegħdin jimplimentaw programm ta' assistenza fil-qasam tas-saħħa mentali għall-edukaturi u l-istaff tagħhom? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista maqsuma skont il-livell u s-settur?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** S'issa qed jiġi offrut il-Mental Health First Aid Course f'31 skola. Hemm ukoll diversi miżuri u inizjattivi fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni l-ġdida li bħalissa tinsab għall-konsultazzjoni pubblika.

**MEDIĊINI OUT OF STOCK - NOVEMBRU**

**14403. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-mediċini li kienu out of stock għal xi żmien f'Novembru?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MEDIĊINI OUT OF STOCK - DIĊEMBRU**

**14404. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-mediċini li kienu out of stock għal xi żmien f'Diċembru?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SPTAR MOUNT CARMEL – LIFTS BIL-ĦSARA**

**14405. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-lifts fl-Isptar Mount Carmel, li ilhom xhur bil-ħsara, x'azzjoni ttieħdet dwarhom u għaliex għadhom ma jaħdmux?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija se tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SPTAR MOUNT CARMEL - LIFTS BIL-ĦSARA FIS-SENA 2023**

**14406. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-lifts li ma jaħdmux fl-Isptar Mount Carmel fis-sena 2023 maqsuma xahar b'xahar?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SPTAR MATER DEI - LIFTS BIL-ĦSARA**

**14407. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema kienu l-lifts li ma kenux jaħdmu fl-Isptar Mater Dei fis-sena 2023 maqsuma xahar b'xahar?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SAINT JEANNE ANTIDE U WARD 8B - LIFTS BIL-ĦSARA**

**14408. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-liftijiet fis-swali Saint

Jeanne Antide u Ward 8B ilhom żmien twil ma jaħdmux?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MARSAXLOKK: TRIQ SANTA KATARINA - XOGĦLIJIET**

**14458. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex se jsir ix-xogħol neċessarju fi Triq Santa Katarina ġewwa Marsaxlokk peress illi għandha bżonn u hija użata sew?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MARSAXLOKK: TRIQ SANTA KATARINA - XOGĦLIJIET**

**14459. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex se jsir ix-xogħol neċessarju fi Triq Santa Katarina ġewwa Marsaxlokk peress illi għandha bżonn u hija użata sew?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Dan ix-xogħol inbeda nhar it-3 ta' Jannar 2024.

**MARSAXLOKK: TRIQ SANTA KATARINA - XOGĦLIJIET**

**14460. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex se jsir ix-xogħol neċessarju fi Triq Santa Katarina ġewwa Marsaxlokk peress illi għandha bżonn u hija użata sew?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**ĦAL LIJA: TRIQ IT-TRASFIGURAZZJONI - TISWIJA FIL-FAĊILITAJIET PUBBLIĊI**

**14461. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jdumu biex jiġu msewwija l-faċilitajiet pubbliċi li hemm fi Triq it-Trasfigurazzjoni ġewwa Ħal Lija?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Għaddejjin diskussjonijiet mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija mad-Diviżjoni kkonċernata sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol neċessarju u jitlesta fl-iqsar żmien possibbli.

**ĦAL LIJA: TRIQ IT-TRASFIGURAZZJONI - TISWIJA FIL-FAĊILITAJIET PUBBLIĊI**

**14462. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jdumu biex jiġu msewwija l-faċilitajiet pubbliċi li hemm fi Triq it-Trasfigurazzjoni ġewwa Ħal Lija?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**LISTA TA' ĠURATI**

**14522. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jispjega kif tiġi kkumpilata l-lista ta' persuni li huma eliġibbli biex iservu bħala ġurat u kull kemm din tiġi aġġornata? Jista' jgħid ukoll jekk persuni li jkunu ntgħażlu, u servew bħala ġurat, ikunux eżentati għal perjodu ta' żmien milli jerġgħu jintgħażlu biex iservu għal darb'oħra, jew dawn

immedjatament jerġgħu jkunu parti mil-lista ta' persuni eliġibbli biex iservu bħala ġurat?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## TA' QALI CRAFTS VILLAGE

**14523. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jispjega fiex wasal il-proġett ta' Ta' Qali Crafts Village u jelenka min huwa responsabbli għat-tkomplija tal-kumplament tax-xogħlijiet li fadal xi jsiru biex ix-xogħlijiet f'dan il-villaġġ ikunu totalment kompluti? Jista' jgħid ukoll x'inhuma r-raġunijiet li bħalissa qegħdin iżommu lura t-tlestija tal-villaġġ?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET: AVUKATI INTERNI - SEJĦIET

**14524. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12571, 13873, 14102 u 14222 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## IL-BELT VALLETTA – KUNTRATT TA' FOND

**14525. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14103 u 14223 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12645, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li skada fl-2017?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET MHUX SOLVUTI

**14526. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13853, u jgħid kemm fadal każijiet tal-Home Ownership Scheme li għadhom ma ġewx solvuti mill-Awtorità tal-Artijiet?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

## GĦAWDEX: DWEJRA – LATRINA

**14529. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fuq il-latrina tad-Dwejra u jagħti time-frame ta' meta għandhom ikunu lesti?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**PULIZIJA – RAPPORTI**

**14530. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14212 u jgħid kemm rapporti saru lill-Pulizija bejn l-2018 u l-2023, maqsuma sena b'sena minn ġenituri li allegatament ġew abbużati minn uliedhom jew wieħed jew waħda minn uliedhom? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-ġenituri kellhom 60 sena u aktar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Informazzjoni relatata mal-mistoqsija tal-Onor. Membru hija disponibbli mis-sena 2021 u tikkonsisti fin-numru ta' vittmi, f'każi fejn kien hemm vjolenza domestika minn ulied kontra il-ġenituri tagħhom, u għalhekk rapport jista' jkun li jinkludi iktar minn vittma waħda. Mis-sena 2021 sal-aħħar ta' Diċembru 2023 fis-sistema tal-Pulizija hemm irreġistrati 568 rapport li jinvolvu 630 persuna li huma ġenituri vittmi ta' vjolenza domestika minn uliedhom. Minn dawn, 225 persuna kienu missirijiet u 405 kienu ommijiet. Imbagħad 165 mill-ommijiet u 150 mill-missirijiet kellhom 60 sena jew aktar. F'kull każ fejn kien hemm evidenza tar-reat irrapportat, ittieħdu passi kriminali fil-Qorti kontra l-allegat aggressuri, tant li f'dan il-perjodu ttieħdet azzjoni kontra il-persuni involuti f'461 każ, mir-rapporti irreġistrati fis-sistema elettronika tal-Pulizija.

**SERVIZZI TA' TINDIF - KUNTRATTI**

**14531. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha relatati mas-servizzi ta' tindif irreferuti fir-rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Report by the Auditor General on the Public Accounts 2022* li saru permezz ta' proċeduri nnegozjati?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija s tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SERVIZZI MOGĦTIJA PERMEZZ TA' PROĊEDURI NNEGOZJATI**

**14532. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka s-servizzi kollha li qed jingħataw preżentement permezz ta' proċeduri nnegozjati anke dawk li sal-lum għad ma hemm ebda kuntratt iffirmat?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SERVIZZI MOGĦTIJA B'KUNTRATTI SKADUTI**

**14533. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka liema huma s-servizzi li bħalissa qed joperaw abbażi ta' kuntratti skaduti u għaliex dawn is-servizzi qiegħdin jingħataw b'kuntratti skaduti? Jista' jgħid ukoll meta ser ikunu qed jinħargu t-tenders għal dawn is-servizzi?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MEALS FOR HOMES - KUNTRATTI**

**14534. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha relatati mal-'Meals for Homes' irreferuti fir-rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Report by the Auditor General on the Public Accounts 2022* li saru permezz ta' proċeduri nnegozjati?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**DOMICILIARY SERVICES - KUNTRATTI**

**14535. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha relatati mad-Domiciliary Services irreferuti fir-rapport maħrug mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Report by the Auditor General on the Public Accounts 2022* li saru permezz ta' proċeduri nnegozjati?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MARD U DIŻABILITÀ**

**14538. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li wieħed għandu jissodisfa biex persuna li għandha kundizzjoni, marda jew diżabilità tiġi mwieżna mill-Istat?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**MARD U DIŻABILITÀ**

**14539. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li wieħed għandu jissodisfa biex persuna li għandha kundizzjoni, marda jew diżabilità tiġi mwieżna mill-Istat?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**AGRICONNECT – SERVIZZI OFFRUTI**

**14540. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi ser jiġu offruti mill-uffiċini tal-AgriConnect ġewwa Għawdex u x'valur ser jagħtu lis-servizzi li diġà qegħdin jagħtu Rural Gozo lill-bdiewa u raħħala ġewwa Għawdex? Jista' jgħid ukoll fejn ser ikunu dawn l-uffiċini ġewwa Għawdex u jekk fil-privat, jgħid kemm ser jinkrew fis-sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** Is-servizzi li jiġu mogħtija mill-uffiċċju tal-AgriConnect ġewwa Għawdex huma l-istess servizzi li jiġu offruti mill-uffiċini tal-AgriConnect f'Malta. L-AgriConnect huwa l-uniku Farm Advisory Service rikonoxxut sabiex jkun jista' joffri servizzi marbutin ma' għajnuniet li ġejjin minn fondi Ewropej. Fl-uffiċini ġewwa Għawdex il-bdiewa jistgħu jibbenefikaw minn numru ta' servizzi li jinkludu Pjan tal-Immaniġġar tal-Ħamrija, Analiżi tal-Ħamrija, Pjan tal-Fertilizzanti kif ukoll pariri u taħriġ fuq il-kundizzjonalità. Dawn l-uffiċini jinstabu ġewwa d-Dukes Complex ir-Rabat Għawdex u jinkrew għal €14,375.00 fis-sena.

**AGRICONNECT – SERVIZZI OFFRUTI**

**14541. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kkonsultawx mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-ftuħ ta' AgriConnect ġewwa Għawdex, partikolarment peress illi din l-entità se toffri servizzi simili u f'kompetizzjoni ma' servizzi offruti minn Rural Gozo mill-Farm tal-Gvern ġewwa x-Xewkija?

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija ġie estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*